

**Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

7371/22

COPS 130	PROCIV 36
POLMIL 72	ESPACE 27
EUMC 95	POLMAR 26
CSDP/PSDC 155	MARE 24
CFSP/PESC 394	COMAR 23
CIVCOM 50	COMPET 165
RELEX 373	IND 77
JAI 371	RECH 144
HYBRID 27	COTER 79
DISINFO 24	POLGEN 41
CYBER 87	CSC 111

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tiproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tiproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, kif approvat mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Marzu 2022.

Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża

Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-ritorn tal-gwerra fl-Ewropa, bl-aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll bidliet ġeopolitiċi kbar qed jisfidaw il-kapaċità tagħna li nipromwovu l-viżjoni tagħna u niddefendu l-interessi tagħna. Ngħixu f'era ta' kompetizzjoni strateġika u theddid kumpless għas-sigurtà. Qed naraw konflitti, tishiġ tal-forzi militari u aggressjoni, u sorsi ta' instabbiltà li qed jiżdiedu fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu, li jwasslu għal sofferenza umanitarja serja u spostamenti. It-theddid ibridu jikber kemm fil-frekwenza kif ukoll fl-impatt. L-interdipendenza qed issir dejjem aktar konfliġġenti u s-setgħa ta' perswazzjoni qed tintuża bħala arma: it-tilqim, l-istandards tad-data u tat-teknoloġija huma kollha strumenti ta' kompetizzjoni politika. L-aċċess għall-ibħra internazzjonali, l-ispazju extratmosferiku u l-ambjent diġitali qed jiġi dejjem aktar ikkontestat. Qed naraw tentattivi dejjem jiżdiedu ta' koerċizzjoni mil-lat ekonomiku u ta' enerġija. Barra minn hekk, il-konflitti u l-instabbiltà spiss jiġu aggravati mill-effett multiplikatur tat-theddid tat-tibdil fil-klima.

L-Unjoni Ewropea hija aktar magħquda minn qatt qabel. Aħna impenjati li niddefendu l-ordni ta' sigurtà Ewropew. Is-sovrani, l-integrità territorjali u l-indipendenza fi ħdan fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment għandhom jiġu rispettati bis-sħiġ. Bl-appoġġ għall-Ukrajna biex tiffaċċa l-aggressjoni militari tar-Russja, qed nuru **determinazzjoni mingħajr preċedent biex terġa' tinkiseb il-paċi fl-Ewropa, flimkien mas-sħab tagħna.** UE aktar b'saħħha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pozzittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. Ir-relazzjoni trans-Atlantika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiġ tal-prinċipji li jinsabu fit-Trattati u daww maqbula mill-Kunsill Ewropew, inkluż il-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, huma kruċjali għas-sigurtà ġenerali tagħna. L-UE terġa' tafferma l-intenzjoni tagħha li ssaħħaħ l-appoġġ għall-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu. Ser issaħħaħ ukoll is-sħubija strateġika tagħha man-NATO u żżid il-kooperazzjoni tagħha mas-sħab reġjonali, inkluż l-OSKE, l-UA u l-ASEAN.

L-ambjent ta' sigurtà aktar ostili jitlob li nagħmlu qabża kbira 'l quddiem u nżidu l-kapaċità u r-rieda tagħna li nieħdu azzjoni, insaħħu r-reżiljenza tagħna u niżguraw is-solidarjetà u l-assistenza reċiproka. Is-solidarjetà bejn l-Istati Membri hi riflessa fl-Artikolu 42(7) TUE. L-UE għandha żżid il-preżenza, l-effettività u l-viżibbiltà tagħha fil-viċinat tagħha u fi x-xena globali permezz ta' sforzi u investimenti konġunti. Flimkien, nistgħu ngħinu nsawru l-futur globali billi nsegwu linja ta' azzjoni strateġika. Jeħtieġ inkunu attur politiku b'saħħtu u koerenti biex inħarsu l-valuri u l-prinċipji li jirfdu d-demokrazzi tagħna, nieħdu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tal-Ewropa u taċ-ċittadini tagħha u nappoġġaw il-paċi u s-sigurtà internazzjonali, kif ukoll is-sigurtà umana, flimkien mas-sħab tagħna, filwaqt li nirrikonoxxu l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.

Il-Boxxla Strategjika timmarka livell għoli ta' ambizzjoni għall-aġenda tagħna dwar is-sigurtà u d-difiża billi:

1. Tipprovdi **valutazzjoni kondiviża tal-ambjent strateġiku tagħna**, it-theddid u l-isfidi li qed niffaċċjaw u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-UE;
2. Iġġib **aktar koerenza u sens ta' skop komuni** għall-azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża li diġà jinsabu għaddejnin;
3. Tistabbilixxi **modi u mezzi ġodda** biex intejbu l-kapaċità kollettiva tagħna li niddefendu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna u tal-Unjoni tagħna;
4. Tispeċifika **miri u stadji importanti ċari** biex jitkejjel il-progress.

Għal dak il-għan, aħna nimpennjaw ruħna għall-azzjonijiet ta' prijorità konkreti li ġejjin f'erba' linji ta' ħidma:

NAGĪXXU

Jeħtieġ li nkunu kapaċi **naġixxu b'mod rapidu u robust** kull meta tfaqqaq kriżi, mas-sħab jekk possibbli u waħedna meta jkun meħtieġ. Għal dak il-għan, ser:

1. **Insaħħu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħna tal-PSDK** billi nagħtuhom mandati aktar robusti u flessibbli, nipromwovu **proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet rapidu u aktar flessibbli** u niżguraw **solidarjetà finanzjarja** akbar, filwaqt li nipromwovu wkoll kooperazzjoni mill-qrib ma' missjonijiet u operazzjonijiet *ad hoc* bi tmexxija Ewropea. Ser insaħħu **l-PSDK ċivili** tagħna permezz ta' Patt ġdid li jippermetti skjerament aktar mgħaġġel, anki f'ambjenti kumplessi;
2. Niżviluppaw **Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE** li ser tippermettilna niskjeraw malajr sa 5000 truppa f'ambjenti mhux permissivi għal tipi differenti ta' kriżijiet;
3. Insaħħu **l-istrutturi ta' kmand u kontroll** tagħna, b'mod partikolari l-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija, u nżidu t-tnejn u l-kooperazzjoni tagħna permezz tat-tisħiħ tal-**mobbiltà militari** u ta' **eżerċizzji reali regolari**, b'mod partikolari għall-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu.

NIPPROTEĠU

Jeħtieġ li **nsaħħu l-kapaċità tagħna li nantiċipaw it-theddid**, niggarantixxu **aċċess sigur** għall-oqsma strateġiċi u **niproteġu liċ-ċittadini tagħna**. Għal dak il-għan, ser:

4. Nagħtu spinta lill-**kapaċitajiet ta' intelligence** tagħna, bħall-qafas tal-Kapaċità Unika tal-Intelligence u l-Analiżi (SIAC) tal-UE biex intejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni u t-tbassir strateġiku tagħna;
5. Il-ħolqien ta' **Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu** li jiġbor flimkien strumenti differenti għad-detezzjoni ta' u r-rispons għal firxa wiesgħa ta' theddid ibridu. F'dan il-kuntest, ser niżviluppaw sett ta' għodod apposta biex jiġu indirizzati **l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin**;
6. Niżviluppaw aktar il-**Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża** biex tkun imħejjija aħjar għal ċiberattakki u ttrirrispondi aħjar għalihom; insaħħu l-azzjonijiet tagħna fil-qasam marittimu, tal-ajru u spazjali, b'mod partikolari billi **nespandu l-Preżenzi Marittimi Koordinati** għal oqsma oħra, billi nibdew mill-Indo-Paċifiku, u billi niżviluppaw **Strateġija Spazjali tal-UE għas-sigurtà u d-difiża**.

NINVESTU

Jeħtieġ li ninvestu aktar u aħjar fil-**kapaċitajiet** u fit-**teknoloġiji innovattivi**, negħlbu l-lakuni strateġiċi u **nnaqqsu d-dipendenzi teknoloġiċi u industrijali**. Għal dak il-għan, ser:

7. **Ninvestu aktar u aħjar fid-difiża u ntejbu l-iżvilupp u l-ippjanar tal-kapaċitajiet tagħna** biex nindirizzaw aħjar realtajiet operazzjonali u theddid u sfidi ġodda;
8. Infittxu soluzzjonijiet komuni biex niżviluppaw il-**faċilitaturi strateġiċi** meħtieġa għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna, kif ukoll il-**kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss fl-oqsma operazzjonali kollha**, bħal pjattaformi navali ta' livell għoli, sistemi tal-ajru futuri tal-kumbattiment, kapaċitajiet ibbażati fl-ispazju u karrijiet armati ewlenin;
9. Nagħmlu użu sħiħ mill-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti u mill-Fond Ewropew għad-Difiża biex b'mod konġunt niżviluppaw **kapaċitajiet militari mill-aktar avvanzati** u ninvestu fl-**innovazzjoni teknoloġika għad-difiża** u noħolqu **Ċentru ta' Innovazzjoni għad-Difiża** ġdid fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

NAĦDMU FI SĦUBIJA

Jeħtieġ li nsaħħu l-**kooperazzjoni tagħna mas-sħab** biex nindirizzaw it-theddid u l-isfidi komuni. Għal dak il-għan, ser:

10. **Insaħħu s-sħubijiet strateġiċi** man-NATO u n-NU permezz ta' djalogi politiċi aktar strutturati kif ukoll kooperazzjoni operazzjonali u tematika. Ser inżidu wkoll il-kooperazzjoni tagħna ma' **sħab reġjonali**, inkluż l-OSKE, l-UA u l-ASEAN;
11. Nagħtu spinta lill-kooperazzjoni ma' **sħab bilaterali** li jikkondividu l-istess valuri u interessi bħall-Istati Uniti, in-Norveġja, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Ġappun. Niżviluppaw **sħubijiet mfassla apposta** fil-Balkani tal-Punent, fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tagħna, fl-Afrika, fl-Asja u fl-Amerka Latina;
12. Niżviluppaw **Forum ta' Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża tal-UE** biex naħdmu aktar mill-qrib u b'mod aktar effettiv mas-sħab biex jiġu indirizzati sfidi komuni.

Din hija r-raġuni għaliex din il-Boxxla Strateġika tistabbilixxi pjan ambizzjuż iżda li jista' jinkiseb biex **tissaħħaħ il-politika ta' sigurtà u ta' difiża tagħna** sal-2030. L-argument favur impetu ġdid għas-sigurtà u d-difiża tal-UE huwa konvinċenti: ambjent aktar ostili u xejriet ġeopolitiċi usa' jesigū li l-UE terfa' sehem akbar ta' responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess.

INTRODUZZJONI

Qed nadottaw din il-Boxxla Strateġika fi żmien meta qed naraw **ir-ritorn tal-gwerra fl-Ewropa**. Tul dawn l-aħħar seba' deċennji, l-UE qdiet rwol ewlieni għall-istabbiltà fil-kontinent tagħna, waqt li pprojetat l-interessi u l-valuri Ewropej u kkontribwiet għall-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja. B'27 Stat Membru u 450 miljun ċittadin, l-Unjoni tagħna tibqa' l-akbar suq uniku fid-dinja, l-aktar sieħeb kummerċjali u ta' investiment importanti għal ħafna pajjiżi, b'mod partikolari fil-viċinat tagħna, u l-akbar sors ta' għajjnuna għall-iżvilupp. L-UE tistabbilixxi standards u kienet dejjem fuq quddiem fl-investiment f'soluzzjonijiet multilaterali effettivi. Bil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna ta' maniġġar ta' kriżijiet li joperaw fi tliet kontinenti, urejna li lesti nieħdu riskji għall-paċi u nerfgħu s-sehem tar-responsabbiltajiet tagħna għas-sigurtà globali.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja tikkostitwixxi bidla tettonika fl-istorja Ewropea. L-UE tinsab magħquda aktar minn qatt qabel quddiem l-aggressjoni militari mhux ipprovokata u mhux iġġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna li tikser serjament id-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u ddgħajjed is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Qed nuru **determinazzjoni mingħajr preċedent li niddefendu l-prinċipji tal-Karta tan-NU u nerġgħu nistabbilixxu l-paċi fl-Ewropa flimkien mas-sħab tagħna**. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. Ir-relazzjoni trans-Atlantika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji li jinsabu fit-Trattati u dawk maqbula mill-Kunsill Ewropew, inkluż il-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, huma kruċjali għas-sigurtà ġenerali tagħna. Is-solidarjetà bejn l-Istati Membri hi riflessa fl-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod aktar wiesa', l-UE terġa' tafferma l-intenzjoni tagħha li ssaħħaħ l-appoġġ għall-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu.

F'din l-era ta' **kompetizzjoni strateġika li qed tikber, theddid kumpless għas-sigurtà u l-attakk dirett fuq l-ordni ta' sigurtà Ewropew**, is-sigurtà taċ-ċittadini tagħna u l-Unjoni tagħna tinsab fil-periklu. Il-kriżi fil-multilateraliżmu qed twassal għal aktar u aktar relazzjonijiet tranżazzjonali fost l-istati. Il-firxa tat-theddid kibret u saret aktar diversa u imprevedibbli. It-tibdil fil-klima huwa multiplikatur tat-theddid ta' livell għoli li jaffettwana lkoll. Wara tliet deċennji ta' interdipendenza ekonomika qawwija li suppost kellha tnaqqas it-tensjonijiet, ir-ritorn għall-politika tal-poter u saħansitra għall-aggressjoni armata, huwa l-aktar bidla sinifikanti fir-relazzjonijiet internazzjonali. **It-terroriżmu jhedded l-istabbiltà ta' ħafna pajjiżi** u jkompli jisfida s-sistemi ta' sigurtà nazzjonali madwar id-dinja. **L-interdipendenza qed issir dejjem aktar konfliġġenti u s-setgħa ta' persważjoni qed tintuża bħala arma**: it-tilqim, l-istandards tad-data u tat-teknoloġija huma kollha strumenti ta' kompetizzjoni politika.

Is-sigurtà Ewropea hija indiviżibbli u kull sfida għall-ordni tas-sigurtà Ewropea taffettwa s-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. **Ir-ritorn għall-politika tal-poter** iwassal lil xi pajjiżi biex jaġixxu f'termini ta' drittijiet storiċi u żoni ta' influwenza, pjuttost milli jaderixxu ma' regoli u prinċipji maqbula internazzjonalment u jingħaqdu biex jippromwovu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali. **L-ibħra internazzjonali, l-ajru, l-ispazju ekstratmosferiku u ċ-ċiberspazju huma oqsma dejjem aktar ikkontestati**. Fl-aħħar nett, id-dinja tagħna qed issir inqas ħielsa hekk kif id-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tal-bniedem u l-valuri demokratiċi qed jiġu attakkati – kemm internament kif ukoll lil hinn minna. **Qed niffaċċjaw kompetizzjoni ta' sistemi ta' governanza akkumpanjata minn battalja reali ta' narrattivi**.

F'din is-sistema ta' konfrontazzjoni kbira, l-UE u l-Istati Membri tagħha **jridu jinvestu aktar fis-sigurtà u d-difiża tagħhom biex ikunu attur politiku u tas-sigurtà aktar b'saħħtu**. Minkejja l-progress li ksibna fis-snin li għaddew, hemm riskju kbir li ma nlaħħqux mal-kompetituri tagħna: għad fadal ħafna xi jsir biex l-UE tgħolli l-pożizzjoni ġeopolitika tagħha. **Huwa għalhekk li neħtieġu qabża kbira 'il quddiem biex niżviluppaw Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi li sservi ta' fornitur tas-sigurtà**, abbażi tal-valuri fundamentali tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Nistgħu nagħmlu dan biss abbażi ta' valutazzjoni kondiviżiva tat-theddid u impenn konġunt għall-azzjoni.

B'din il-Boxxla Strateġika, aħna nistabbilixxu **vizzjoni strateġika komuni** għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE matul il-ħames sa għaxar snin li ġejjin u ser nibdew l-implimentazzjoni tagħha immedjatament. Dan ser jgħinna nibnu kultura strateġika komuni, insaħħu l-għaqda u s-solidarjetà tagħna u, fuq kollox, intejbu l-kapaċità u r-rieda tagħna li nagħixxu flimkien, biex niproteġu l-interessi tagħna u niddefendu l-valuri tagħna.

F'**dinja inċerta**, miżgħuda b'theddid u dinamiki ġeopolitiċi li jinbidlu malajr, **din il-Boxxla Strateġika tiggwida u ssaħħaħ l-azzjoni tagħna biex l-UE ssir fornitur tas-sigurtà b'aktar saħħa u ta' aktar ħila. Għal dak il-għan, tidentifika miri ċari fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE, il-mezzi biex dawn jintlaħqu u skedi ta' żmien speċifiċi li matulhom jista' jitkejjel il-progress.**

B'mod konkret:

1. Tipprovdi **valutazzjoni kondiviżiva tal-ambjent strateġiku tagħna**, it-theddid u l-isfidi li qed niffaċċjaw u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-UE;
2. Iġġib **aktar koerenza u sens ta' skop komuni** għall-azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża li diġà jinsabu għaddejjin;
3. Tistabbilixxi **azzjonijiet u mezzi ġodda** biex:
 - a. inkunu nistgħu nagħixxu aktar malajr u b'mod deċiżiv meta niffaċċjaw kriżijiet;
 - b. niproteġu l-interessi tagħna u niproteġu liċ-ċittadini tagħna billi nsaħħu l-kapaċità tal-UE li tantiċipa u timmitiga t-theddid;
 - c. nistimulaw l-investimenti u l-innovazzjoni biex niżviluppaw b'mod konġunt il-kapaċitajiet u t-teknoloġiji meħtieġa;
 - d. napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna mas-sħab, b'mod partikolari n-NU u n-NATO, biex jinkisbu għanijiet komuni;
4. Tispeċifika **miri u stadji importanti ċari** biex jitkejjel il-progress.

Din il-Boxxla Strateġika timpenja lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha fi sforz komuni biex jinkisbu riżultati konkreti. L-oġettivi u l-azzjonijiet proposti tagħha huma parti minn approċċ integrat tal-UE u huma kompletament konsistenti mal-politiki eżistenti u komplementari għalihom bħala rispons għat-theddid estern li jaffettwa s-sigurtà interna tagħna, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea tal-2020. Il-politiki tal-UE joffru ingranaġġ konsiderevoli li jeħtieġ li jiġi mobilizzat bis-siħ biex jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-UE. Din il-Boxxla Strateġika tibni wkoll fuq il-pakketti tad-Difiża u l-Ispazju li l-Kummissjoni Ewropea ppreżentat fi Frar 2022. Tikkontribwixxi direttament għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' Versailles.

1. ID-DINJA LI QED NIFFAĊĊJAW

Biex inħejju din il-Boxxla Strateġika, aħna wettaqna l-ewwel **Analiżi komprensiva tat-Theddid tal-UE** fl-2020. Dan għen biex jiġi żviluppat fehim komuni tat-theddid u l-isfidi li l-UE ser tiffaċċa fil-futur qrib. Biex nibnu kultura strateġika komuni, mill-2022 'il quddiem aħna ser nirrieżaminaw regolarment l-Analiżi tat-Theddid, mill-inqas kull tliet snin, jew aktar kmieni jekk il-kuntest strateġiku u ta' sigurtà li qed jinbidel jesiġi hekk.

Ix-xenarju ġenerali tas-sigurtà sar aktar volatili, kumpless u frammentat minn qatt qabel minħabba **theddid fuq diversi livelli**. Id-dinamika tal-instabbiltà lokali u reġjonali alimentata minn governanza li ma tiffunzjonax tajjeb u l-kontestazzjoni fil-viċinat usa' tagħna u lil hinn minnu, xi kultant mantnuta wkoll minn inugwaljanzi, tensjonijiet reliġjużi u etniċi, hija dejjem aktar interkonnessa ma' theddid mhux konvenzjonali u tranżnazzjonali u rivalità tal-poter ġeopolitiku. Dan inaqqas il-kapaċità tas-sistema multilaterali biex tipprevjeni u timmitiga r-riskji u l-kriżijiet.

Ir-ritorn tal-politika tal-poter f'dinja kkontestata multipolari

L-UE hija sostenitriċi determinata ta' **multilateraliżmu effettiv** u fittxet li tiżviluppa **ordni internazzjonali** miftuħ **ibbażat fuq ir-regoli**, kif ukoll fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-valuri universali u d-dritt internazzjonali. Din il-viżjoni tal-multilateraliżmu kienet prevalenti internazzjonalment wara t-tmim tal-Gwerra Bierda. Illum, qed tiġi kkontestata b'mod qawwi, permezz tat-tifrik tal-valuri universali u l-użu żbilanċjat tal-isfidi globali, minn dawk li jippromwovu approċċ sovrann strett li fir-realtà jikkostitwixxi ritorn għall-politika tal-poter. Ir-realtà internazzjonali attwali hija bbażata fuq it-taħlita ta' dinamika b'numru jżded ta' atturi li jfittxu li jespandu l-ispazju politiku tagħhom u jisfidaw l-ordni ta' sigurtà. L-użu tal-forza u l-koerċizzjoni biex jinbidlu l-fruntieri ma għandux lok fis-seklu 21.

Permezz tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, ir-**Russja** qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u qed iddghajjed is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Dan isegwi l-aggressjoni militari fil-Georgia fl-2008, kif ukoll l-annessjoni illegali tal-Krimea u l-intervent militari fil-Lvant tal-Ukrajna fl-2014. Permezz ta' din l-interferenza armata fil-Georgia u l-Ukrajna, il-kontroll *de facto* fuq il-Belarusja, kif ukoll il-preżenza tat-truppi Russi li għad hemm f'konflitti mtawla, inkluż fir-Repubblika tal-Moldova, il-gvern Russu qed jimmira b'mod attiv li jstabilixxi l-hekk imsejħa sferi ta' influwenza. L-aggressjoni armata kontra l-Ukrajna qed turi r-rieda li jintuża l-ogħla livell ta' forza militari, irrispettivament mill-konsiderazzjonijiet legali jew umanitarji, flimkien ma' tattiki ibridi, ċiberattakki u manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, koerċizzjoni ekonomika u b'rabta mal-enerġija u retorika nukleari aggressiva. Dawn l-azzjonijiet aggressivi u revizionisti li għalihom huma kompletament responsabbli l-gvern Russu, flimkien mal-kompliċi tiegħu l-Belarusja, jheddu b'mod gravi u dirett l-ordni tas-sigurtà Ewropew u s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej. Dawk responsabbli għal dawn id-delitti, inkluż l-immirar ta' persuni ċivili u oġġetti ċivili, ser jinżammu responsabbli. F'teatri oħra bħal-Libja, is-Sirja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-Mali, ir-Russja wkoll tipprojta lilha nnifisha u tuża l-kriżijiet b'mod opportunistiku, inkluż billi tuża d-diżinformazzjoni u l-merċenarji, bħall-grupp Wagner. Dawn l-iżviluppi kollha jikkostitwixxu theddida fit-tul u diretta għas-sigurtà Ewropea, li ser inkomplu niffaċċjaw b'mod riżolut.

Iċ-Ċina hija sieħeb, kompetitur ekonomiku u rivali sistemiku. Maċ-Ċina, nistgħu nindirizzaw kwistjonijiet ta' tħassib globali bħat-tibdil fil-klima. Iċ-Ċina hija dejjem aktar involuta u impenjata ftensjonijiet reġjonali. L-asimmetrija fil-ftuħ tas-swieq u s-soċjetajiet tagħna wasslet għal tħassib dejjem jikber fir-rigward tar-reċiproċità, il-kompetizzjoni ekonomika u r-reżiljenza. Iċ-Ċina għandha t-tendenza li tillimita l-aċċess għas-suq tagħha u ttiprova tippromwovi l-istandards tagħha globalment. Hija twettaq il-politiki tagħha inkluż permezz tal-preżenza dejjem tikber tagħha fuq il-baħar u fl-ispazju, kif ukoll bl-użu ta' għodod ċibernetiċi u tattiki ibridi. Barra minn hekk, iċ-Ċina qed tiżviluppa l-mezzi militari tagħha sostanzjalment u għandha l-għan li tlesti l-immodernizzar ġenerali tal-forzi armati tagħha sal-2035, b'impatt fuq is-sigurtà reġjonali u globali. L-iżvilupp u l-integrazzjoni taċ-Ċina fir-reġjun tagħha, u fid-dinja iġenerali, ser jimmarkaw il-bqija ta' dan is-seklu. Jeħtieġ niżguraw li dan iseħħ b'mod li jikkontribwixxi biex jiġiharsu s-sigurtà globali u mhux jikkontradixxi l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-interessi u l-valuri tagħna. Dan jeħtieġ għaqda qawwija bejnietna u ħidma mill-qrib ma' sħab reġjonali u globali oħra.

F'din id-dinja multipolari kkontestata, jeħtieġ li l-UE tiegħu pozzizzjoni aktar attiva biex ttiproteġi ċittadini tagħha, tiddefendi l-interessi tagħha, ttipprojetta l-valuri tagħha, u taħdem ma' sħab biex ttipprovdi s-sigurtà għal dinja aktar sikura u aktar ġusta. Flimkien mas-sħab tagħna, l-UE tiddefendi l-prinċipji ċentrali li fuqhom hi mibnija s-sigurtà Ewropea, minqusa fil-Karta tan-NU u d-**dokumenti kostituttivi tal-OSKE**, inkluż l-**Att Finali ta' Helsinki** u l-**Karta ta' Pariġi**. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali tal-Istati; l-involabbiltà tal-fruntieri; iż-żamma lura mit-theddida jew l-użu tal-forza; u l-libertà tal-Istati li jagħżlu jew jibdlu l-arranġamenti tas-sigurtà tagħhom infushom. Dawn il-prinċipji la huma negozjabbli u lanqas soġġetti għal reviżjoni jew interpretazzjoni mill-ġdid.

Biex inħarsu l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, ser inkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mas-sħab u pajjiżi tal-istess fehma fin-NU, in-NATO u l-G7. F'dan il-kontest, l-Istati Uniti jibqgħu s-sieħeb strateġiku l-aktar leali u importanti tal-UE u huma qawwa globali li tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u d-demokrazija fil-kontinent tagħna.

L-ambjent strateġiku tagħna

Illum, l-UE hija mdawra b'**instabbiltà** u konflitti u qed tiffaċċa gwerra fuq il-fruntieri tagħha. Qed inħabbtu wiċċna ma' taħlita perikoluża ta' aggressjoni armata, annessjoni illegali, stati fraġli, setgħat reviżjonisti u reġimi awtoritarji. Dan l-ambjent huwa l-bażi għal theddid multiplu għas-sigurtà Ewropea mit-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità organizzata sa konflitti ibridi u ċiberattakki, l-istrukturalizzazzjoni tal-migrazzjoni irregolari, il-proliferazzjoni tal-armi u d-dgħajfien progressiv tal-arkitettura tal-kontroll tal-armi. L-instabbiltà finanzjarja, id-diverġenzi soċjali u ekonomiċi estremi jistgħu jkomplu jaggravaw tali dinamiki u jkollhom impatt dejjem akbar fuq is-sigurtà tagħna. Dawn it-theddiet kollha jdgħajfu s-sigurtà tal-UE tul il-fruntieri tagħna tan-Nofsinhar u tal-Lvant u lil hinn minnhom. Fejn l-UE ma tkunx attiva u effettiva fil-promozzjoni tal-interessi tagħha, oħrajn jimlew l-ispazju.

Is-sigurtà u l-istabbiltà fil-**Balkani tal-Punent** kollha għadhom mhumiex ċerti, anke minħabba interferenzi barranin li qed jiżdiedu, inkluż kampanji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, kif ukoll permezz ta' effetti kollaterali potenzjali mid-deterjorament attwali tas-sitwazzjoni tas-sigurtà Ewropea. F'dan ir-rigward, huwa ta' interess partikolari li jiġu appoġġati s-sovrani, l-unità u l-integrità territorjali tal-Bożnija-Ħerzegovina, abbażi tal-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini u l-popli kostitwenti kollha kif minquxa fil-kostituzzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina, kif ukoll il-proċess ta' riforma fit-triq Ewropea tagħha u li jitmexxa 'l quddiem id-djalogu bejn Pristina u Belgrad immexxi mill-UE. Jeħtieġ li jkompli jsir progress tanġibbli dwar l-istat tad-dritt u r-riformi bbażati fuq il-valuri, ir-regoli u l-istandards Ewropej u l-perspettiva Ewropea hija għażla strateġika, essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. Fil-**viċinat tal-Lvant** tagħna, waqt li l-Ukrajna qed tiġi attakkata direttament mill-forzi armati Russi, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia u pajjiżi oħra fil-Kawkasu tan-Nofsinhar wkoll qed jiffaċċjaw intimidazzjonijiet strateġiċi, theddid dirett għas-sovrani u l-integrità territorjali tagħhom u huma maqbuda f'konflitti fit-tul. L-awtoritarjaniżmu fil-Belarusja jissarraff'repressjoni vjolenti fil-pajjiż, appoġġ militari attiv għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-bidla fl-istatus tagħha ta' ħielsa mill-armi nukleari u tattiċi ibridi kontra l-UE. L-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun usa' tal-Baħar l-Iswed huma serjament milquta mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna b'implikazzjonijiet estensivi f'termini ta' sigurtà, reżiljenza, libertà ta' navigazzjoni u żvilupp ekonomiku. Ir-**reġjun tal-Artiku** qed jinbidel rapidament, b'mod partikolari minħabba l-impatt tattishin globali, ir-rivalitajiet ġeopolitiċi u ż-żieda fl-interess kummerċjali inkluż fuq ir-riżorsi naturali. Fil-**viċinat tan-Nofsinhar** tagħna, il-kriżijiet fil-Libja u fis-Sirja għadhom ma ssolvewx, b'konsegwenzi reġjonali dejjiema u mifruxa. Ir-reġjun huwa partikolarment mhedded minn movimenti terroristiċi, traffikar ta' bnedmin u kriminalità organizzata, li jaffettwaw iż-żewġ ixtut tal-Baħar Mediterran. Bħala reġjun u żona marittima ta' importanza strateġika għas-sigurtà u l-istabbiltà tagħna, aħna impenjati li nsaħħu l-isforzi tagħna biex nindirizzaw dawn it-theddidiet u l-isfidi. Ser inkomplu nistinkaw għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun Ewro-Mediterranju, inkluż permezz tal-medjazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, il-bini mill-ġdid tal-istituzzjonijiet u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-membri kollha tas-soċjetà. Għal dan il-għan, ser insaħħu l-kooperazzjoni tagħna mas-sħab reġjonali. Fl-aħħar nett, għad hemm it-tensjoni fil-**Lvant tal-Mediterran**, minħabba provokazzjonijiet u azzjonijiet unilaterali kontra Stati Membri tal-UE u vjolazzjoni tad-drittijiet sovrani bi ksur tad-dritt internazzjonali, kif ukoll l-istrukturalizzazzjoni tal-migrazzjoni illegali, u din għandha l-potenzjal li teskala malajr; huwa fl-interess kemm tal-UE kif ukoll tat-Turkija li jiġu żgurati ambjent stabbli u sigur kif ukoll relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku, f'konformità mal-prinċipji ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Flimkien, dawn it-theddidiet u l-isfidi jaffettwaw is-sigurtà taċ-ċittadini tagħna, l-infrastruttura kritika tagħna u l-integrità tal-fruntieri tagħna. L-impatt ta' relazzjoni deterjorata ħafna mal-gvern Russu huwa partikolarment sever f'ħafna minn dawn it-teatri. Din tinterferixxi b'mod attiv permezz ta' tattiċi ibridi, u b'hekk tikkomprometti l-istabbiltà tal-pajjiżi u l-proċessi demokratiċi tagħhom. Dan għandu wkoll implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà tagħna stess.

Il-futur tal-**Afrika** huwa ta' importanza strateġika għall-UE. Minħabba t-tkabbir ekonomiku u demografiku tiegħu, il-kontinent Afrikan għandu potenzjal konsiderevoli. Madankollu, il-konflitti li għaddejjin bħalissa, il-governanza dgħajfa u t-terroriżmu madwar il-kontinent jaffettwaw is-sigurtà tagħna stess. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fil-Mali, fir-**reġjun tas-Sahel** u l-madwar u fl-**Afrika Ċentrali** fejn l-instabbiltà, il-gruppi terroristiċi, l-istrutturi dgħajfa tal-Istat, il-merċenarji u l-faqar mifrux jirrappreżentaw taħlita perikoluża u jesigū impenn imsaħħaħ tal-UE. L-instabbiltà fil-**Golf tal-Guinea**, fil-**Qarn tal-Afrika** u fil-**Kanal tal-Mozambique** tibqa' imperattiv ewlieni tas-sigurtà għall-UE, anki peress li huma rotot kummerċjali ewlenin. Fl-istess ħin, qed naraw kompetizzjoni ġeopolitika li qed tikber fl-Afrika, bi preżenza akbar ta' atturi kemm globali kif ukoll reġjonali. Xi wħud minnhom ma joqogħdux lura milli jużaw forzi irregolari f'żoni ta' instabbiltà, u b'hekk idgħajfu l-isforzi internazzjonali lejn il-paċi u l-instabbiltà, jiddestabilizzaw il-pajjiżi u l-ekonomiji tagħhom kif ukoll ikunu kompliċi fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Fir-reġjun madwar il-**Lvant Nofsani** u r-**Reġjun tal-Golf**, konflitti attivi u instabbiltà persistenti ħolqu riskju għas-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tagħna. L-indirizzar tal-isfidi tan-nonproliferazzjoni nukleari fir-reġjun jibqa' ta' importanza kruċjali. L-Iran huwa ċentrali għas-sigurtà fir-reġjun, għalkemm l-appoġġ dirett u indirett tiegħu għal alleati politiċi u militari kif ukoll il-proliferazzjoni ballistika u t-trasferiment ta' missili u armi lil atturi statali u mhux statali jibqgħu sors importanti ta' instabbiltà fir-reġjun. L-isforzi biex jinkiseb ritorn għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) huma ta' importanza kruċjali. L-isforzi tar-reġjun biex jiġi indirizzat l-estremiżmu vjolenti ser ikunu wkoll ta' importanza kruċjali għall-għlieda globali kontra gruppi terroristiċi bħall-Al Qaida u d-Da'esh.

Inħoloq ċentru ġdid ta' kompetizzjoni globali fl-**Indo-Paċifiku**, fejn it-tensjonijiet ġeopolitiċi jipperikolaw l-ordni bbażat fuq ir-regoli fir-reġjun, u jitfgħu pressjoni fuq il-ktajjen tal-provvista globali. L-UE għandha interess ġeopolitiku u ekonomiku kruċjali fl-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun. Għalhekk ser niproteġu l-interessi tagħna fir-reġjun, anki billi niżguraw li d-dritt internazzjonali jipprevali fil-qasam marittimu u fl-oqsma l-oħra. Iċ-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE u wieħed neċessarju biex jiġu indirizzati l-isfidi globali. Iżda hemm ukoll reazzjoni li qed tikber għall-imġiba reġjonali tagħha li qed issir dejjem aktar assertiva.

F'parti oħra tal-**Asja**, l-Afganistan ikompli joħloq tħassib serju dwar is-sigurtà għar-reġjun kif ukoll għall-Unjoni Ewropea f'termini ta' terroriżmu, ta' kuntrabandu tad-drogi u ta' sfidi li qed jiżdiedu rigward il-migrazzjoni irregolari. Ċerti atturi, bħar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), ikomplu jipperikolaw il-paċi u s-sigurtà reġjonali u internazzjonali, permezz tal-armi ta' qerda massiva u tal-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tagħhom iżda wkoll dejjem aktar permezz ta' operazzjonijiet ta' intelligence, ċiberattakki u kampanji ta' diżinformazzjoni. Konflitti persistenti aktar antiki jkomplu jxekklu l-iżvilupp ta' arranġamenti komprensivi ta' sigurtà pan-reġjonali.

Fl-aħħar nett, mal-**Amerka Latina** naqsmu rabtiet storiċi u kulturali profondi, kif ukoll impenn lejn il-multilateraliżmu bbażat fuq prinċipji u valuri fundamentali komuni. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher l-iżbilanċi soċjoekonomiċi f'għadd ta' pajjiżi tal-Amerka Latina u, f'xi każijiet, heddet l-instabbiltà politika. Amerka Ċentrali fraġli u kriżi persistenti fil-Venezwela jikkontribwixxu għal diviżjonijiet reġjonali u pressjonijiet migratorji qawwija, li jkabbru aktar l-isfidi tal-kriminalità organizzata relatati mad-drogi u jipperikolaw l-isforzi għall-paċi fil-Kolombja.

Theddid u sfidi emerġenti u tranżazzjonali

Minbarra dawn il-konflitti u t-tensjonijiet reġjonali, fil-livell globali niffaċċjaw ukoll theddid tranżazzjonali u dinamiċi kumplessi tas-sigurtà li għandhom impatt dirett fuq is-sigurtà tal-Unjoni stess.

It-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha tagħhom u irrispettivament mill-oriġini tagħhom ikompli jevolvu b'mod kostanti u joħolqu theddida serja għall-paċi u s-sigurtà, fl-UE u lil hinn minnha. Dawn jinkludu taħlita ta' terroristi endoġeni, ġellieda barranin li jirritornaw lura, attakki diretti, inkoraġġuti jew ispirati minn barra l-pajjiż, kif ukoll il-propagazzjoni ta' ideoloġiji u twemmin li jwasslu għar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti. B'mod partikolari, it-theddida mid-Da'esh, al-Qaeda u l-affiljati tagħhom għadha għolja u tkompli ddgħajjef l-istabbiltà f'diversi reġjuni, kif ukoll is-sigurtà tal-UE.

Il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi tat-twassil tagħhom huma theddida persistenti, kif jixhdu b'mod partikolari l-programmi nukleari tar-RDPK u tal-Iran, l-użu ripetut ta' armi kimiċi u l-iżvilupp u l-iskjerament ta' missili ballistiċi, cruise u ipersoniċi ġodda avvanzati. Kemm ir-Russja kif ukoll iċ-Ċina qed **jespandu l-ħażna nukleari tagħhom** u qed jiżviluppaw sistemi ġodda ta' armi. It-tmexxija Russa użat theddid nukleari fil-kuntest tal-invażjoni tagħha fl-Ukrajna. Is-setgħat reġjonali għandhom ukoll aċċess għal armi konvenzjonali sofistikati, li jvarjaw minn sistemi ta' antiaċċess/tiċħid ta' żona sa missili ballistiċi u kruċieri. Dawn ix-xejriet huma aggravati mill-erożjoni tal-**arkitettura tal-kontroll tal-armi** fl-Ewropa, mit-Trattat dwar il-Forzi Konvenzjonali fl-Ewropa sat-Trattat dwar il-Forzi Nukleari ta' Medda Intermedja u t-Trattat dwar is-Sema Miftuħ. Dan il-vojt normattiv qed ikollu impatt dirett fuq l-istabbiltà u s-sigurtà tal-UE. Iż-żieda sinifikanti fl-użu ta' armi kimiċi ma għandhiex tiġi ttollerata. Is-salvagwardja tal-projbizzjoni globali tal-armi kimiċi hija responsabbiltà globali kondiviża. Għalhekk ser inkompli nappoġġaw b'mod partikolari l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi.

Atturi statali u mhux statali qed jużaw **strateġiji ibridi, ċiberattakki, kampanji ta' diżinformazzjoni, interferenza** diretta fl-elezzjonijiet u l-proċessi politiċi tagħna, koerċizzjoni ekonomika u l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi ta' migrazzjoni irregolari. L-użu ħażin dejjem jikber tal-liġi biex jinkisbu objettivi politiċi, ekonomiċi u militari huwa wkoll tħassib dejjem jikber. Il-kompetituri tagħna mhumiex qed iżommu lura milli jużaw **teknoloġiji emerġenti u fixkiela** biex jieħdu vantaġġi strateġiċi u biex iżidu l-effettività tal-kampanji ibridi tagħhom. Xi wħud sfruttaw l-inċertezzi maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19 biex jinxterdu narrattivi dannużi u foloz.

Fl-istess ħin, l-aċċess ħieles u sikur għall-oqsma strateġiċi globali huwa dejjem aktar ikkontestat. Iċ-**ċiberspazju** sar qasam għal kompetizzjoni strateġika, fi żmien ta' dipendenza dejjem tikber fuq it-teknoloġiji diġitali. Qed inħabtu wiċċna dejjem aktar ma' ċiberattakki aktar sofistikati. Huwa essenzjali li jinżamm ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur. Minkejja l-prinċipju tal-użu paċifiku tal-**ispazju ekstratmosferiku**, il-kompetizzjoni f'dan il-qasam għandha implikazzjonijiet qawwija ta' sigurtà u difiża. Huwa essenzjali għall-kapaċitajiet ta' osservazzjoni, monitoraġġ, navigazzjoni u komunikazzjoni, iżda huwa qasam konġestjonat u kkontestat, kif muri minn imġiba irresponsabbli ta' kompetituri strateġiċi. Is-**sigurtà marittima** fil-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Mediterran u l-Baħar tat-Tramuntana, kif ukoll l-ilmijiet tal-Artiku, l-Oċean Atlantiku u r-reġjuni ultraperiferiċi hija importanti għas-sigurtà tal-UE, l-iżvilupp ekonomiku tagħna, il-kummerċ ħieles, it-trasport u s-sigurtà tal-enerġija. Iż-żoni marittimi, il-moġhdijiet kritiċi ta' komunikazzjoni fuq il-baħar u diversi punti ta' konġestjoni marittimi kif ukoll qiġhan tal-baħar, qed ikunu dejjem aktar ikkontestati, mill-Golf ta' Aden sal-Istrett ta' Hormuz u lil hinn mill-Istrett ta' Malacca. Fl-aħħar nett, is-**sigurtà tagħna fl-ajru** hija kkontestata wkoll permezz ta' pożizzjonijiet dejjem aktar aggressivi fl-ajru biż-żieda ta' tattiki ta' antiaċċess/tiċħid ta' żona.

It-**tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u d-diżastri naturali** ser ikollhom impatt ukoll fuq il-pajsaġġ tas-sigurtà tagħna matul id-deċennji li ġejjin u juru li huma fatturi li jixprunaw l-instabbiltà u l-konflitt madwar id-dinja – mis-Sahel sal-Amazsonja u r-reġjun tal-Artiku. Il-kompetizzjoni għar-**riżorsi naturali** bħall-art agrikola u l-ilma u l-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija għal skopijiet politiċi huma eżempji konkreti f'dan ir-rigward. Id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji tagħna u l-proċess biex dawn isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari jgħibu magħhom sfidi speċifiċi għas-sigurtà, inkluż l-aċċess għal materja prima kritika, il-ġestjoni u s-sostenibbiltà tal-katina tal-valur, kif ukoll bidliet ekonomiċi u politiċi kkawżati mit-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili. Il-**kriżijiet tas-saħħa globali** jistgħu wkoll jimponu pressjonijiet konsiderevoli fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji, b'implikazzjonijiet ġeopolitiċi estensivi. Il-pandemija tal-Covid-19 kebbset rivalitajiet internazzjonali u wriet li interruzzjonijiet frotot kummerċjali ewlenin jistgħu jpoġġu l-ktajjen tal-provvista kritiċi taħt pressjoni u jaffettwaw is-sigurtà ekonomika.

Implikazzjonijiet strateġiċi għall-Unjoni

Dawn l-isfidi kollha huma multidimensjonali u spiss interkonnessi. Is-sigurtà tagħna tinsab friskju, internament jew lil hinn mill-fruntieri tagħna. Irridu nkunu kapaċi u lesti **niproteġu liċ-ċittadini tagħna, niddefendu l-interessi komuni tagħna, nipprojettaw il-valuri tagħna u nikkontribwixxu biex insawru l-futur globali**. Jeħtieġ li nirduppjaw l-isforzi tagħna biex nimplimentaw l-**approċċ integrat** tagħna għas-sigurtà, il-konflitti u l-kriżijiet. Irridu nkunu aktar kuraġġużi fil-mod kif nikkombinaw l-istrumenti diplomatiċi u ekonomiċi tagħna, inkluż ir-reġimi tagħna tas-sanzjonijiet, mal-assi ċivili u militari biex nipprevjenu l-konflitti, nirreaġixxu għall-kriżijiet, nikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni tal-paċi u nappoġġaw is-sħab. Ser insaħħu wkoll il-kooperazzjoni tagħna mal-inizjattivi bilaterali, reġjonali u multilaterali Ewropej ta' sigurtà u difiża li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Ewropa.

Is-solidarjetà, l-għaqda u l-ambizzjoni tagħna li tirriżulta mill-**Istrateġija Globali tal-UE tal-2016** huma aktar vitali minn qatt qabel. Ser insaħħu l-kapaċità tagħna li nikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà tal-kontinent tagħna, nirreaġixxu għal konflitti u kriżijiet esterni, insaħħu l-kapaċitajiet tas-sħab u niproteġu lill-UE u liċ-ċittadini tagħna. Filwaqt li mill-2016 'l hawn saħħaħna l-ħidma tagħna biex insaħħu r-rwol tal-UE fis-sigurtà u d-difiża, nirrikonoxxu li qed ifeġġ xenarju strateġiku ġdid li jitlob li naġixxu b'**sens ferm akbar ta' urġenza u determinazzjoni** u li noffru **assistenza reċiproka** u nuru **solidarjetà** f'każ ta' aggressjoni kontra xi ħadd minna. Issa huwa l-mument għal passi deċiżivi biex niżguraw il-libertà ta' azzjoni tagħna.

Il-bidliet ġeopolitiċi reċenti jfakkruna li l-UE teħtieġ b'mod urġenti li tieħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess billi taġixxi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu, mas-sħab kull meta jkun possibbli u waħedha meta jkun meħtieġ. Is-saħħa tal-Unjoni tagħna tinsab fl-għaqda, is-solidarjetà u d-determinazzjoni. Din il-Boxxla Strateġika ser issaħħaħ l-**awtonomija strateġika** tal-UE u l-kapaċità tagħha li taħdem mas-sħab biex tissalvagwardja l-valuri u l-interessi tagħha. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fis-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. Dawn it-tnejn jimxu id fid.

Fil-kapitoli li ġejjin, din il-Boxxla Strateġika tippreżenta l-mod kif ser **naġixxu** u nkunu ppreparati biex nirrispondu għal diversi kriżijiet u sfidi. Tispeċifika kif għandna nantiċipaw it-theddidiet, **niżguraw** l-interessi tagħna u niproteġu ċ-ċittadini tagħna. Dan imbagħad jirrikjedi li ninnovaw u **ninvestu** f'kapaċitajiet ta' difiża teknoloġikament superjuri u interoperabbli u nnaqqsu d-dipendenzi fir-rigward tat-teknoloġija u r-riżorsi. F'dawn l-isforzi kollha, irridu napprofondixxu s-**sħubijiet** meta dawn jaqdu l-valuri u l-interessi tal-UE.

2. NAĠIXXU

Fid-dawl tad-dinja li qed niffaċċjaw, jeħtieġ li nżidu l-isforzi tagħna biex inħejju ruħna għal kriżijiet u theddid u biex nipprojetaw l-istabbiltà, fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu. Is-saħħa tal-UE fil-prevenzjoni u l-indirizzar ta' konflitti u kriżijiet esterni tinsab fil-kapaċità tagħha li tuża mezzi kemm militari kif ukoll ċivili. Irridu nkunu kapaċi **naġixxu fil-pront** fl-oqsma operazzjonali kollha: fuq l-art, fil-baħar u fl-ajru, kif ukoll fl-ispazju ċibernetiku u fl-ispazju extratmosferiku.

Biex nimplimentaw b'mod effettiv **l-approċċ integrat** tal-UE, ser nagħmlu użu sħiħ u koerenti tal-politiki u l-istrumenti kollha disponibbli tal-UE u nimmassimizzaw is-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn is-sigurtà interna u esterna, is-sigurtà u l-iżvilupp, kif ukoll id-dimensjonijiet ċivili u militari tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tagħna. Ser insaħħu l-kapaċità tagħna li nwettqu l-firxa sħiħa ta' kompiti ta' **maniġġar ta' kriżijiet** ċivili u militari li huma fil-qalba tal-PSDK tagħna, kif imsemmi fl-Artikolu 43 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Naġixxu flimkien

L-UE trid issir aktar rapida u aktar kapaċi u effettiva fl-abbiltà tagħha li **tiddeċiedi u taġixxi**. Dan jeħtieġ rieda politika. Peress li n-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża hija l-unanimità, neħtieġu **aktar rapidità, robustezza u flessibbiltà** biex inwettqu l-firxa sħiħa ta' kompiti ta' maniġġar ta' kriżijiet.

Jeħtieġ li nkunu kapaċi nindirizzaw theddidiet imminenti jew nirreaġixxu malajr għal sitwazzjoni ta' kriżi barra mill-Unjoni fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-konflitt. Għal dan il-għan, ser niżviluppaw **Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE** li tippermettilna niskjeraw malajr forza modulari ta' mhux aktar minn 5000 truppa, inkluż komponenti tal-art, tal-ajru u marittimi, kif ukoll il-faċilitaturi strateġiċi meħtieġa. Dik il-kapaċità modulari tkun tista' tintuża f'fażijiet differenti ta' operazzjoni f'ambjent mhux permissiv, bħad-dħul inizjali, ir-rinforz jew bħala forza ta' riżerva biex tipproteġi ħruġ. L-iżvilupp ta' din il-kapaċità ser ikun ibbażat fuq xenarji operazzjonali li għall-bidu ser jiffukaw fuq l-operazzjonijiet ta' salvataġġ u evakwazzjoni, kif ukoll il-faċilitaturi inizjali ta' operazzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni. Il-kapaċità ser tkun tikkonsisti minn Gruppi Tattiċi tal-UE modifikati sostanzjalment u minn forzi u kapaċitajiet militari identifikati minn qabel tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' ġabra waħda ta' forzi. F'dan ir-rigward, l-impenn tagħna hu li ntejbju t-tnejn u d-disponibbiltà tal-forzi armati tagħna. Modifika sostanzjali tal-Gruppi Tattiċi tal-UE għandha twassal għal strument aktar robust u flessibbli, pereżempju permezz ta' pakketti ta' forza mfassla apposta li jinkludu komponenti tal-art, marittimi u tal-ajru, livelli differenti ta' thejġija operattiva u perjodi itwal ta' ħin għad-dispożizzjoni. Ħarsa ġenerali komprensiva u sħiħa lejn l-elementi kollha disponibbli ser tagħtina l-flessibbiltà meħtieġa biex infasslu l-forza tagħna għan-natura tal-kriżi u għall-ħtiġijiet u l-oġettivi tal-operazzjoni kif deċiżi mill-Kunsill, bl-użu tal-Gruppi Tattiċi modifikati sostanzjalment tal-UE, il-forzi u l-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri, jew it-tnejn flimkien.

Għal skjament effettiv, l-impenn tagħna hu li nipprovdu r-riżorsi assoċjati u l-faċilitaturi strateġiċi meħtieġa, b'mod partikolari t-trasport strateġiku, il-protezzjoni tal-forzi, ir-riżorsi mediċi, iċ-ċiberdifiża, il-komunikazzjoni bis-satellita u l-kapaċitajiet tal-intelligence, tas-sorveljanza u tar-rikonjizzjoni. Fejn ikun meħtieġ, ser niżviluppaw dawn il-kapaċitajiet. Għall-kmand u l-kontroll, ser nużaw il-Kwartieri Ġenerali operazzjonali nazzjonali tagħna identifikati minn qabel jew il-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija tal-UE ladarba din tilħaq il-kapaċità operazzjonali sħiħa. Ser niżguraw li l-użu ta' arranġamenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet aktar flessibbli u ambitu estiż tal-ispejjeż komuni (inkluż l-ispejjeż tal-eżerċizzji) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni rapida u effiċjenti ta' din il-kapaċità. Ser norganizzaw taħriġ u eżerċizzji fil-qafas tal-UE biex inżidu t-tnejn u l-interoperabbiltà (ukoll f'konformità mal-istandards tan-NATO) tal-elementi kollha ta' din il-kapaċità. Dan huwa kruċjali jekk irridu negħlbu l-ostakli li ffaċċajna fil-pasat.

B'mod aktar ġenerali, irridu wkoll nistinkaw għal flessibbiltà akbar fil-**proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet** tagħna, mingħajr ma nikkompromettu s-solidarjetà politika u finanzjarja. Għalhekk ser nużaw il-potenzjal mogħti mit-Trattati tal-UE, inkluż l-astensjoni kostruttiva. B'mod partikolari ser niddeċiedu dwar modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 44 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-PSDK, biex grupp ta' Stati Membri lesti u kapaċi jkunu jistgħu jippjanaw u jmexxu missjoni jew operazzjoni fil-qafas tal-UE u taħt is-superviżjoni politika tal-Kunsill.

Missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK aktar **robusti, flessibbli u modulari** għandhom jippermettulna nadattaw malajr għal theddidiet u sfidi ġodda u li dawn il-missjonijiet u operazzjonijiet isiru aktar effettivi, anke minħabba l-kuntest ġdid ta' sigurtà u l-preżenza li qed tikber tal-kompetituri strateġiċi tagħna fit-teatri tal-operazzjonijiet. Dawn għandhom pereżempju jkunu jistgħu jakkumpanjaw u jappoġġaw aħjar il-forzi tas-sigurtà u tad-difiża tas-sħab, kif ukoll jipprovdu taħriġ u pariri dwar ir-riformi strutturali. Għal dan il-għan, ser nadattaw aktar il-mudell attwali tagħna tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari biex nagħmluhom aktar effettivi fuq il-post. Ser nesploraw ukoll possibbiltajiet oħra biex niprovdu appoġġ konsultattiv aktar immirat lill-organizzazzjonijiet tas-sigurtà u d-difiża ta' pajjiżi sħab. L-għodod tal-komunikazzjoni strateġika għandhom jissaħħu aktar biex jappoġġaw aħjar il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna.

Permezz ta' żieda fl-użu tal-**Faċilità Ewropea għall-Paċi**, l-UE tista' tipprovdi malajr assistenza importanti lis-sħab pereżempju billi tipprovdi tagħmir militari li ta' spiss jissupplimenta t-taħriġ mill-missjonijiet tal-PSDK. Dan jista' jsir ukoll bl-appoġġ tal-kapaċitajiet ta' difiża tas-sħab f'mument ta' kriżi, bħal fil-każ tal-pakkett ta' assistenza biex jiġu appoġġati l-forzi armati Ukreni biex jiddefendu l-integrità territorjali u s-sovranià tagħhom u jiproteġu l-popolazzjoni ċivili minn aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata.

L-Istati Membri tal-UE jipprovdu wkoll kontributi importanti biex jiżguraw l-interessi tal-UE u l-paċi u l-istabbiltà fid-dinja permezz ta' diversi forom ta' kooperazzjoni. Koordinazzjoni aħjar fost dawn l-inizjattivi u l-azzjonijiet tal-UE għandha twassal għal appoġġ reċiproku u biex ikunu aktar effettivi. F'dan ir-rigward, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet *ad hoc* bi tmexxija Ewropea li jaġixxu fl-istess teatri jew f'teatri kontigwi għandhom isaħħu lil xulxin reċiprokament, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, permezz ta' koordinazzjoni operazzjonali, appoġġ loġistiku, kondiviżjoni ta' intelligence u kapaċitajiet konġunti ta' evakwazzjoni medika. Dan ifisser l-iżvilupp ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-post f'dawn iż-żoni, pereżempju fis-Sahel, il-Qarn tal-Afrika u l-Istrett ta' Hormuz. L-UE tista' tkompli tappoġġa missjonijiet u operazzjonijiet *ad hoc* immexxija mill-Ewropa li jservu l-interessi tal-UE. Dawn jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ politiku tal-UE u jibnu fuq ir-riżultati konkreti tal-miżuri ta' assistenza ffinanzjati mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

Billi l-qasam marittimu qed isir dejjem aktar ikkontestat, aħna nimpennaw ruħna li nkomplu nasserixxu l-interessi tagħna fuq il-baħar u nsaħħu s-sigurtà marittima tal-UE u tal-Istati Membri, inkluż billi ntejbu l-interoperabbiltà tal-forzi navali tagħna permezz ta' eżerċizzji diretti u billi norganizzaw waqfiet f'portijiet Ewropej. Filwaqt li nibnu fuq l-esperjenza li għaddejja fil-Golf tal-Guinea u fil-Majjistral tal-Oċean Indjan, ser nespandu l-**Preżenzi Marittimi Koordinati** tagħna għal oqsma oħra ta' interess marittimu li għandhom impatt fuq is-sigurtà tal-UE u nfittxu li nassoċjaw sħab rilevanti fejn xieraq. Ser nikkonsolidaw ukoll, u nkomplu niżviluppaw kif xieraq, iż-żewġ operazzjonijiet navali tagħna li huma skjerati fil-Mediterran u 'l barra mill-Kosta tas-Somalja – żoni marittimi ta' interess strateġiku kruċjali għall-UE.

Ser insaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-**qasam tal-ajru** billi nkomplu niżviluppaw il-kapaċità tagħna li nwettqu għall-ewwel darba l-operazzjonijiet tas-sigurtà tal-ajru tal-UE, inkluż l-appoġġ bl-ajru, is-salvataġġ u l-evakwazzjoni, is-sorveljanza u l-kompiti ta' għajnuna f'każ ta' diżastru. Biex niffaċilitaw l-użu koordinat tal-assi militari tal-ajru b'appoġġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, ser insaħħu wkoll il-kollaborazzjoni u s-šhubija tagħna mal-istrutturi u l-inizjattivi tal-UE u multilaterali fil-qasam tal-ajru, bħall-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru.

Permezz tal-**missjonijiet ċivili tagħna tal-PSDK**, aħna nipprovdu kontribut essenzjali għall-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni ċivili, il-pulizija u r-riforma tas-settur tas-sigurtà f'żoni ta' kriżi. Dawn huma kruċjali wkoll fir-rispons usa' tal-UE għall-isfidi tas-sigurtà permezz ta' mezzi mhux militari, inkluż dawk marbuta mal-migrazzjoni irregolari, it-theddid ibridu, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti.

Il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK jgħinna nkomplu niżviluppaw u nsaħħu l-missjonijiet ċivili tagħna sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr u b'mod effettiv għat-theddid u l-isfidi eżistenti u li qed jevolvu, li jdgħajfu s-sistema eżekuttiva, ġudizzjarja jew leġiżlattiva f'oqsma ta' kriżi, u jindirizza nuqqasijiet kritiċi. Ser niżguraw li l-missjonijiet ċivili jkunu jistgħu jiġu skjerati b'mod aktar rapidu f'konformità mal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. B'mod aktar speċifiku, ser inkunu kapaċi u lesti niskjeraw missjoni b'200 espert ċivili fi żmien 30 jum, bl-użu sħiħ tat-tagħmir ewlieni u s-servizzi loġistiċi offruti mill-Maħżen Strateġiku u l-Pjattaforma ta' Appoġġ għall-Missjonijiet. Il-missjonijiet ċivili ser nagħmluhom aktar effettivi, flessibbli u reattivi, inkluż billi t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna jsir aktar rapidu, bit-tisħiħ tal-ippjanar operazzjonali, bit-titjib tal-għażla u r-reklutaġġ tal-persunal u bit-titjib tal-għodod tar-reattività, inkluż timijiet speċjalizzati. Għal dan il-għan, ser nibnu wkoll fuq ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Ser inkomplu nsaħħu il-PSDK ċivili tagħna permezz ta' Patt ġdid li ser jipprovdi objettivi dwar it-tip, in-numru u d-daqs tal-missjonijiet ċivili, elementi għal proċess strutturat ta' żvilupp tal-kapaċità ċivili, kif ukoll sinerġiji ma' strumenti oħra tal-UE.

Biex jiġu indirizzati b'mod konġunt l-isfidi rilevanti għas-sigurtà, hija meħtieġa kooperazzjoni akbar għal benefiċċju reċiproku bejn il-PSDK u l-atturi tal-**ġustizzja u l-affarijiet interni** tal-UE, inkluż aġenziji bħall-EUROPOL, il-EUROJUST, is-CEPOL u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX). Nistgħu nibnu fuq l-esperjenzi pożittivi, bħal fil-Libja, fl-Ukrajna, fis-Saħel u fil-Qarn tal-Afrika jew fiċ-ċellola ta' informazzjoni dwar il-kriminalità stabbilita fl-operazzjoni navali tal-UE fil-Mediterran. F'dan ir-rigward, għandna l-għan li nżidu s-sinerġiji bejn l-atturi tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u l-PSDK, f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE. Dan jinkludi għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni, konsultazzjonijiet u skambji regolari, kif ukoll skjeramenti sekwenzjali jew "plug-in" imfassla apposta. Biex niżguraw adeżjoni xierqa, ser inżidu wkoll il-kooperazzjoni mal-atturi nazzjonali tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, inkluż fil-livell politiku.

Jeħtieġ li gradwalment inkomplu nsaħħu l-istrutturi ta' **kmand u kontroll** ċivili u militari tagħna. Ser niżguraw li l-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija tkun tista' tippjana, tikkontrolla u tikkmanda kompiti u operazzjonijiet eżekuttivi u mhux eżekuttivi, kif ukoll eżerċizzji diretti. F'dan il-kuntest, ser inżidu l-kontribuzzjonijiet tal-persunal u niżguraw li jkollna s-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni meħtieġa, kif ukoll il-faċilitajiet meħtieġa. Ladarba l-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija tilħaq il-kapaċità operazzjonali sħiħa tagħha, hija għandha titqies bħala l-istruttura preferuta ta' kmand u kontroll. Dan mhux ser jaffettwa l-kapaċità tagħna li nkomplu nużaw il-Kwartieri Ġenerali operazzjonali nazzjonali identifikati minn qabel. Il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija ser tissaħħaħ ukoll biex titjeb il-kapaċità tagħha li tippjana, tikkmanda u tikkontrolla l-missjonijiet ċivili attwali u futuri. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-istrutturi militari u ċivili ser jissaħħu permezz taċ-Ċellula Konġunta ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Appoġġ.

Aħna nibqgħu impenjati bis-sħiħ li nipromwovu u navvanzaw is-**sigurtà tal-bniedem** u r-rispett tal-**Liġi Internazzjonali Umanitarja u tad-Drittijiet tal-Bniedem** u l-konformità magħha u l-protezzjoni taċ-ċivili, inkluż il-persunal umanitarju, fis-sitwazzjonijiet kollha ta' konflitt, kif ukoll li nkomplu niżviluppaw il-politika tal-UE dwar id-diliġenza dovuta f'dan ir-rigward. Irridu nibqgħu sodi u nipprevjenu kull tentattiv biex jiżżarma u jiġi mminat id-dritt internazzjonali. Ser inkomplu wkoll nikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-wirt kulturali, inkluż permezz tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK.

Aħna impenjati bis-sħiħ li nwettqu l-objettivi tal-UE dwar **in-nisa, il-paċi u s-sigurtà**. L-indirizzar tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru huwa aspekk kritiku tal-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti kif ukoll tal-bini tar-reżiljenza għat-theddid għas-sigurtà fil-livell komunitarju. L-azzjoni esterna tal-UE, inkluż missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari, għandha tikkontribwixxi b'mod attiv għall-emanċipazzjoni tan-nisa u għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru f'ambjent ta' konflitt u wara konflitt, abbażi tad-drittijiet u l-ħtiġijiet differenti tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien. Ser inkomplu nipromwovu **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u nintegraw b'mod sistematiku perspettiva tal-ġeneru, ibbażata fuq analiżi b'rabta mal-ġeneru, fl-azzjonijiet kollha u fl-ippjanar kollu ċivili u militari tal-PSDK, b'enfasi wkoll fuq il-parteċipazzjoni ugwali u sinifikattiva tan-nisa fil-funzjonijiet kollha, inkluż fil-pożizzjonijiet ta' tmexxiġa. Nimpenjaw ruħna wkoll li nwettqu l-objettivi tal-UE fuq l-aġenda tat-**tfal u l-konflitti armati**. L-azzjoni esterna tal-UE għandha rwol essenzjali fil-kontribut għat-tmiem u l-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet serji kontra tfal affettwati minn konflitt u b'hekk fit-tkissir ta' ċikli ta' vjolenza, inkluż permezz ta' azzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK.

Inħejju flimkien

Jekk Stat Membru jkun vittima ta' aggressjoni armata fit-territorju tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandu jkollhom lejhom obbligu ta' għajjuna u assistenza bil-mezzi kollha fis-setgħa tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan m'għandux jippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri. Impenji u kooperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti mal-impenji skont l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, li, għal dawk l-Istati Membri li huma membri tagħha, tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha. Ser inkomplu ninvestu fl-**assistenza reċiproka** tagħna skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll fis-**solidarjetà** skont l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz ta' eżerċizzji frekwenti.

Biex inżidu l-istat ta' thejġija tagħna, b'mod aktar sistematiku ser inwettqu **ppjanar minn qabel** ibbażat fuq xenarji, intejbu t-twissija bikrija u nadattaw xenarji operazzjonali li jikkorrispondu għat-theddid u l-isfidi quddiemna li qed jinbidlu. Billi jgħaqqad l-**intelligence** ġeospazjali kif ukoll l-intelligence l-oħra kollha, l-ippjanar bil-quddiem ser jirriżulta fi pjanijiet ċivili u militari ġeneriċi li ser jiġu adattati u miżmuma hekk kif jevolvu x-xenarji. F'dan ir-rigward, ser insaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pjanifikaturi operazzjonali nazzjonali.

L-Unjoni tista' tkun effettiva biss b'persunal ċivili u militari suffiċjenti u mħarreġ sew għad-dispożizzjoni tagħha. Irridu nagħtu spinta lill-kapaċitajiet, lill-faċilitaturi kritiċi u lit-tagħmir tagħna sabiex innaqqsu d-distakk bejn il-livell ta' ambizzjoni tagħna u r-**riżorsi** disponibbli. Stampa aktar trasparenti u strutturata tal-persunal ċivili u militari disponibbli għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK permezz ta' konsultazzjonijiet politiċi bikrija hija meħtieġa biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tagħna, u jiġi faċilitat **sehem ġust** ta' kontributi għal tali missjonijiet u operazzjonijiet militari. Nimpenjaw ruħna li ninċentivaw il-**ġenerazzjoni tal-forza** għal missjonijiet u operazzjonijiet militari, pereżempju billi nsaħħu t-trasparenza u l-prevedibbiltà fir-rotazzjoni tat-truppi u billi nespandu l-ambitu tal-ispejjeż komuni taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Biex tissaħħaħ l-effettività tal-missjonijiet mhux eżekuttivi tagħna, nirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġi estiż il-perijodu ta' skjerament tal-uffiċjali għolja tal-missjonijiet. Dawn l-isforzi ser jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji rilevanti magħmula taħt il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti mill-Istati Membri parteċipanti.

It-tnejn u l-**interoperabbiltà** huma elementi kruċjali tar-rispons tagħna għat-thedd u l-kompetizzjoni strateġika. **Eżerċizzji reali** ċivili u militari frekwenti fl-oqsma kollha. kif ukoll ippjanar minn qabel imsaħħaħ, ser jgħinuna nagħtu spinta sostanzjali lit-tnejn tagħna, inrawmu l-interoperabbiltà u nappoġġaw kultura strateġika komuni. Eżerċizzji reali f'qafas tal-UE, bl-involvement progressiv tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija ser isawru l-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE b'mod partikolari, u b'mod aktar ġenerali ser isaħħu l-pożizzjoni tagħna, iżidu mal-komunikazzjoni strateġika tagħna u jsaħħu l-interoperabbiltà, inkluż mas-sħab.

L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna kkonfermat il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ sostanzjalment il-**mobiltà militari** tal-forzi armati tagħna fl-Unjoni u lil hinn minnha. Ser insaħħu l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu sabiex nippromwovu moviment rapidu u bla xkiel ta' persunal, materjal u tagħmir militari għal skjeramenti operazzjonali u eżerċizzji, b'ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib man-NATO u sħab oħra. Ser naqblu dwar impenji ġodda biex naċċelleraw u narmonizzaw il-proċeduri transfruntiera, nidentifikaw modi kif insostnu movimenti fuq skala kbira fi żmien qasir, ninvestu fid-diġitalizzazzjoni tal-forzi armati tagħna u niżviluppaw kapaċitajiet mill-aktar avvanzati u effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jggarantixxu l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu malajr u noperaw f'ambjenti mhux permissivi, b'kont meħud tar-rekwiżiti kostituzzjonali ta' ċerti Stati Membri. Ser nikkollegaw ukoll il-ħidma tagħna fuq il-mobiltà militari ma' eżerċizzji ta' simulazzjoni u reali tal-forzi armati tal-Istati Membri.

Objettivi

L-għan tagħna huwa li nsiru aktar assertiv fis-sigurtà u d-difiża billi nippermettu azzjoni aktar robusta, rapida u deċiżiva, inkluż għar-reżiljenza tal-Unjoni u l-assistenza reċiproka u s-solidarjetà tagħna. L-ippjanar minn qabel ser ikun in-norma u l-istrutturi eżistenti ta' kmand u kontroll ser jissaħħu. Ser inkunu ppreparati aħjar permezz ta' eżerċizzji reali u approċċ aktar integrat għall-kriżijiet.

Naġixxu

- Sal-2025, ser tkun operattiva bis-sħiħ **Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE**, li tippermetti l-iskjerament rapidu ta' forza modulari ta' mhux aktar minn 5000 truppa f'ambjent mhux permissiv. Għal dan il-għan, ser naqblu dwar xenarji operazzjonali fl-2022. Mill-2023, eżerċizzji regolari reali ser jikkontribwixxu għat-tnejn u l-interoperabbiltà.
- Sal-2023, ser niddeċiedu dwar modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-**Artikolu 44 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**, biex grupp ta' Stati Membri lesti u kapaċi jkunu jistgħu jippjanaw u jmexxu missjoni jew operazzjoni fi ħdan il-qafas tal-UE u taħt is-superviżjoni politika tal-Kunsill.
- Sal-2025, il-**Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija** ser tkun tista' tippjana u twettaq il-missjonijiet militari mhux eżekuttivi kollha u żewġ operazzjonijiet eżekuttivi fuq skala żgħira jew waħda fuq skala medja, kif ukoll eżerċizzji reali. Bħala l-pass li jmiss, u wara li jintlaħaq dan l-objettiv, ser naħdmu wkoll biex nespandu l-kapaċità tagħna li nipplanaw u nwettqu missjonijiet mhux eżekuttivi u operazzjonijiet eżekuttivi addizzjonali.
- Ser inkomplu **nsaħħu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħna tal-PSDK**. Bħala l-ewwel pass, sa nofs l-2022, ser nadattaw aktar il-mudell attwali tagħna tal-missjonijiet militari biex nagħmluhom aktar effettivi fuq il-post. Ser nesploraw ukoll modi biex insaħħu ż-żewġ operazzjonijiet navali tagħna. Fl-istess ħin, ser nikkunsidraw possibiltajiet oħra biex nipprovd u appoġġ konsultattiv immirat lill-organizzazzjonijiet tad-difiża u s-sigurtà ta' pajjiżi sħab.
- Ser insaħħu **l-appoġġ reċiproku bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u missjonijiet u operazzjonijiet ad hoc bi tmexxija Ewropea**, skont il-mandati rispettivi tagħhom. Sa tmiem l-2022, bħala l-ewwel pass, ser nistabbilixxu rabtiet fit-teatru tal-operazzjonijiet, pereżempju bejn l-EUNAVFOR Atalanta u l-Missjoni Ewropea ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni Marittima fl-Istrett ta' Hormuz, kif ukoll fis-Saħel.
- Filwaqt li nibnu fuq l-esperjenza tal-kunċett tal-**Preżenzi Marittimi Koordinati** fil-Golf tal-Guinea u l-espansjoni tiegħu fil-Majjistral tal-Oċean Indjan, mit-tieni nofs tal-2022 ser nikkunsidraw żoni marittimi oħra ta' interess.
- Sal-2023, ser naqblu dwar kunċett militari għall-**operazzjonijiet tas-sigurtà tal-ajru**, inkluż l-appoġġ bl-ajru, is-salvataġġ u l-evakwazzjoni, is-sorveljanza u l-kompiti ta' għajnuna f'każ ta' diżastru.

- Sa nofs l-2023, ser nadottaw **Patt ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK** li ser iżid aktar l-effettività tal-missjonijiet tagħna u jgħin fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili meħtieġa. Ser inkomplu nsaħħu wkoll il-koooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti fil-ġustizzja u l-affarijiet interni tal-UE u tal-Istati Membri u l-PSDK. Ser inkunu kapaċi niskjeraw **missjoni ċivili tal-PSDK** ta' 200 espert mgħammra bis-sħiħ fi żmien 30 jum, inkluż f'ambjenti kumplessi.
- Ser nintegraw sistematikament **perspettiva ta' drittijiet tal-bniedem u tal-ġeneru** fl-azzjonijiet ċivili u militari kollha tal-PSDK u nżidu n-numru ta' nisa fil-funzjonijiet kollha, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija. Sal-2023, ser insaħħu n-network tagħna ta' konsulenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar il-ġeneru fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK.

Inħejju

- Ser inkomplu nwettqu eżerċizzji regolari biex insaħħu aktar l-**assistenza reċiproka** tagħna f'każ ta' aggressjoni armata, f'konformità mal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ser jinkludi eżerċizzji ċibernetiċi regolari li jibdedw mill-2022.
- Mill-2023, ser norganizzaw **eżerċizzji reali** regolari fl-oqsma kollha, bl-involviment progressiv tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija. Dawn l-eżerċizzji ser jgħaqqdu wkoll elementi ċivili u militari tal-PSDK.
- Sal-2022, ser naqblu dwar **Reġistru taċ-Ċiklu ta' Rotazzjoni tat-Truppi** għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK u ser insaħħu r-rilevament bikri tal-forza politika kemm għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili kif ukoll militari tal-PSDK.
- Sal-2023, anki fid-dawl tal-proposti rigward il-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, ser nergħu nivvalutaw l-ambitu u d-definizzjoni ta' **spejjeż komuni** biex intejbu s-solidarjetà u nistimulaw il-parteciġazzjoni f'missjonijiet u operazzjonijiet militari, kif ukoll spejjeż relatati mal-eżerċizzji.
- Sa tmiem l-2022, ser nieħdu impenji ġodda bil-għan li nsaħħu sostanzjalment u ninvestu fil-**mobbiltà militari** u ser naqblu dwar Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż u rivedut. Dan ser jinkludi azzjonijiet ġodda f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, iż-żieda fir-reżiljenza ċibernetika tal-infrastruttura tat-trasport u s-sistemi ta' appoġġ tagħha, kif ukoll l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u t-trasport bl-ajru u bil-baħar biex tittejjeb il-mobbiltà militari fl-UE u lil hinn minnha. Għall-ġejjieni, ser inkomplu nżidu u nistimulaw l-investment għall-Mobbiltà Militari¹.
 - Ser inħaffu minnufih l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport b'użu doppju, fost l-oħrajn permezz ta' frontloading tal-baġit tal-mobbiltà militari fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.
 - Sa tmiem l-2022, ser inniedu analiżi tal-kapaċità tal-infrastruttura tat-trasport tal-UE biex insostnu movimenti fuq skala kbira b'avviż qasir.
 - Sal-2025, ser inlestu t-titjib u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri transfruntiera.

¹ Dan ser isir mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE li jmiss.

3. NIPPROTEĠU

Jeħtieġ li nħejju bl-aħjar mod għall-isfidi li qed ifiġġu malajr. Il-kompetituri strateġiċi tagħna għandhom sett wiesa' ta' għodod immirati lejna u qed jittestjaw ir-**reżiljenza** tagħna bil-għan li jxejnu s-**sigurtà** tagħna u jdgħajfu b'mod attiv l-aċċess sigur tagħna għall-qasam marittimu, tal-ajru, taċ-ċiberspazju u tal-ispazju. Qed inħabbtu wiċċna dejjem aktar ma' theddid ta' natura ibrida. Barra minn hekk, it-theddid tranżnazzjonali bħat-terroriżmu u l-proliferazzjoni tal-armi jibqa' sfida kontinwa. Jeħtieġ li nsaħħu r-reżiljenza tagħna b'mod sinifikanti billi nantiċipaw, nidentifikaw u nirrispondu aħjar għal theddid bħal dan. Ir-rieżami regolari u strutturati tal-Analiżi tat-Theddid tagħna ser jgħin f'dan ir-rigward, iżda huwa biss element wieħed.

Insaħħu t-twissija bikrija, l-istampa tal-intelligence u l-komunikazzjonijiet siguri tagħna

Ser ninvestu aktar f'analiżi kondiviża biex inżidu l-**għarfien tas-sitwazzjoni** u t-**tbassir strateġiku** tagħna, filwaqt li nibnu fuq is-Sistema ta' Twissija Bikrija tagħna u l-mekkaniżmu ta' skennjar tal-orizzont. Ser insaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni tagħna bbażat fuq l-intelligence u l-kapaċitajiet rilevanti tal-UE, b'mod partikolari fil-qafas tal-**Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence** tal-UE, kif ukoll iċ-Ċentru Satellitari tal-UE. Dan ser iqarribna wkoll lejn **kultura strateġika komuni** u jikkontribwixxi għall-kredibbiltà tal-UE bħala attur strateġiku. Jeħtieġ li nżommu l-eċċellenza tagħna fl-iżgurar ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtonomu tal-UE, inkluż abbażi ta' data ġeospazjali. Ser insaħħu r-rwol tal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE bħala punt ta' dħul uniku għall-kontributi ta' intelligence strateġika mis-servizzi tal-intelligence u tas-sigurtà ċivili u militari tal-Istati Membri. Dan ser jiffaċilita l-iskambju ta' intelligence strateġika biex nirreaġixxu aħjar għall-isfidi li għandna quddiemna u jipprovdi servizzi mtejba lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

Peress li l-istituzzjonijiet tagħna huma soġġetti għal għadd dejjem akbar ta' ċiberattakki jew tentattivi ta' ndħil fis-sistemi tagħhom, jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ il-protezzjoni tal-proċessi, l-assi u l-informazzjoni l-aktar kritiċi tagħna u tiżgura li tista' sserraħ fuq informazzjoni robusta u affidabbli u sistemi ta' komunikazzjoni Ewropej adegwati. Stampa msaħħa ta' intelligence ser tkun teħtieġ **komunikazzjoni sigura** mtejba. Għal dan il-għan, ser nissimplifikaw ir-regoli u r-regolamenti tas-sigurtà kif ukoll insaħħu l-approċċ komuni mill-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, għall-protezzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni, l-infrastruttura u l-komunikazzjoni. Dan ser jirrikjedi investimenti f'taġħmir tekniku, infrastruttura u għarfien espert Ewropej tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Filwaqt li nibnu fuq l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, nappellaw lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE biex jadottaw standards u regoli addizzjonali dwar l-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà, kif ukoll dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, u b'hekk jiġu ffaċilitati skambji siguri mal-Istati Membri.

Theddid ibridu, ċiberdiplomazija u manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin

Ser insaħħu b'mod sostanzjali r-reżiljenza u l-kapaċità tagħna li niġġieldu t-**theddid ibridu**, iċ-ċiberattakki u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin. Atturi barranin statali u mhux statali qegħdin kontinwament jirfinaw u b'hekk isaħħu t-tattiki, it-tekniki u l-proċeduri tagħhom, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni irregolari, l-użu strateġiku tal-liġi, kif ukoll il-koerċizzjoni mmirata lejn is-sigurtà ekonomika u tal-enerġija tagħna. Għalhekk, ser jinġiebu flimkien firxa wiesgħa ta' għodod eżistenti u oħrajn ġodda possibbli tal-UE f'**Sett ta' Għodod tal-UE kontra Theddid Ibridu**, li jkollu ambitu usa'. Dan is-sett ta' għodod għandu jipprovi qafas għal rispons koordinat għal kampanji ibridi li jaffettwaw l-UE u l-Istati Membri tagħha u għandu jinkludi pereżempju miżuri preventivi, kooperattivi, ta' stabbilizzazzjoni, restrittivi u ta' rkupru, kif ukoll isaħħaħ is-solidarjetà u l-assistenza reċiproka. L-Istati Membri jistgħu jipproponu attribuzzjoni koordinata ta' attivitajiet ibridi, filwaqt li jirrikonoxxu li l-attribuzzjoni hija prerogattiva nazzjonali sovrana. Ir-rispons tagħna jeħtieġ il-mobilizzazzjoni sħiħa tal-istrumenti ċivili u militari rilevanti kollha fejn xieraq, abbażi tal-politiki esterni u interni. Jeħtieġ ukoll li jkun ibbażat fuq fehim u valutazzjoni komuni ta' dan it-theddid. Għalhekk, ser insaħħu l-kapaċità tagħna li nikxfu, nidentifikaw u nanalizzaw theddid bħal dan u s-sors tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC), b'mod partikolari ċ-**Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu**, ser tipprovi previżjoni u għarfien tas-sitwazzjoni. Bħala parti minn dan is-Sett ta' Għodod Ibridi usa' tal-UE, jeħtieġ li nsaħħu r-reżiljenza **soċjetali u ekonomika** tagħna, niproteġu l-infrastruttura kritika, kif ukoll id-demokrazija tagħna u l-proċessi elettorali tal-UE u dawk nazzjonali. Ser noħolqu wkoll **Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE Kontra Theddid Ibridu** li jistgħu jiġu adattati skont it-theddid u bl-użu tal-għarfien espert settorjali ċivili u militari rilevanti nazzjonali u tal-UE biex nappoġġaw l-Istati Membri, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u lil pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu. Ser niżguraw sinerġiji u nesploraw aktar toroq għal kooperazzjoni kontra t-theddid ibridu man-NATO.

Irridu nkunu kapaċi wkoll nirrispondu bil-ħeffa u bil-qawwa għaċ-ċiberattakki, bħalma huma attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi sostnuti minn stat li jkollhom fit-tir infrastruttura kritika u attakki ransomware. Għal dan il-għan, ser insaħħu l-kapaċità tagħna li nidentifikaw u nanalizzaw iċ-ċiberattakki b'mod koordinat. Ser insaħħu s-**Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE** u nagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti kollha tagħha, inkluż miżuri preventivi u sanzjonijiet fuq atturi esterni għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi kontra l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ser nikkontribwixxu għall-Unità Ċibernetika Konġunta tal-UE biex insaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kooperazzjoni konġunti bejn l-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE.

Ser nirrispondu bis-saħħa għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, kif għamilna permezz tal-azzjoni deċiżiva u kkoordinata tagħna kontra l-kampanja ta' diżinformazzjoni tar-Russja fil-kuntest tal-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna. Ser inkomplu nagħmlu dan b'koerenza sħiħa mal-politiki interni tal-UE, billi nistabbilixxu fehim komuni tat-theddid kif ukoll billi nkomplu niżviluppaw firxa ta' strumenti biex b'mod effettiv jindividwawh, janalizzawh u jindirizzawh u jimponu sanzjonijiet fuq l-awturi ta' tali attivitajiet. Biex insaħħu r-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna, ser insaħħu wkoll l-aċċess għal informazzjoni kredibbli u għall-media ħielsa u indipendenti madwar l-Unjoni. Għal dan il-għan, u kif mitlub fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, ser niżviluppaw is-**sett ta' għodod tal-UE biex jiġu indirizzati u miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin**, inkluż fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK. Dan ser isaħħaħ l-għażliet tagħna ta' rispons, il-kapaċitajiet tagħna ta' reżiljenza u l-kooperazzjoni kemm fl-UE kif ukoll bħala appoġġ lil pajjiżi sħab, u jtejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida. Ser nagħmlu progress ukoll fil-mekkaniżmu operazzjonali konġunt dwar proċessi elettorali u fid-deżinjazzjoni possibbli tal-infrastruttura elettorali bħala infrastruttura kritika. Ser inkomplu naħdmu ma' sħab tal-istess fehma, bħan-NATO, il-G7 kif ukoll is-soċjetà ċivili u s-settur privat u nżidu l-isforzi tagħna fil-qafas tan-NU.

Niproteġu l-aċċess tagħna għal oqsma strateġiċi

Aħna ser inkomplu niżviluppaw il-**Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża** biex niproteġu, nidentifikaw, niddefendu u niskoraġġixxu iċ-ċiberattakki. Din ser tagħti spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, tistimula l-bażi industrijali tal-UE u tippromwovi l-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiżgura li nkunu lesti li jaġixxu. Ser iżżid il-kooperazzjoni fost l-atturi taċ-ċiberdifiża tal-UE u tal-Istati Membri u tiżviluppa mekkaniżmi għall-ingranaġġ tal-kapaċitajiet fil-livell tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Din ser issaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma fil-qasam taċ-ċiberdifiża, b'mod partikolari n-NATO. **Att Ewropew ġdid dwar ir-reżiljenza ċibernetika** ser isaħħaħ l-approċċ komuni tagħna għall-infrastruttura u l-istandards ċibernetiċi. Ser naħdmu lejn l-istabbiliment ta' infrastruttura Ewropea ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà.

F'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà tal-2020, ser niżviluppaw il-**pożizzjoni ċibernetika** tal-Unjoni billi nsaħħu l-kapaċità tagħna li nipprevjenu ċiberattakki permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, it-taħriġ, l-eżerċizzji, ir-reżiljenza msaħħa u billi nirreaġixxu b'mod sod għal ċiberattakki kontra l-Unjoni, l-Istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri tagħha bl-użu tal-ġhodod kollha disponibbli tal-UE. Ser nuru wkoll id-determinazzjoni tagħna li nipprovdu reazzjonijiet immedjati u fit-tul lill-atturi tat-theddid li jfittxu li jiċċdu aċċess sigur u miftuħ għaċ-ċiberspazju lill-UE u s-sħab tagħha. Ser nappoġġaw lis-sħab tagħna fit-tisħiħ tar-reżiljenza ċibernetika tagħhom u, f'każijiet ta' kriżijiet ċibernetiċi, nużaw esperti tal-UE u tal-Istati Membri biex joffru appoġġ. Permezz ta' eżerċizzji regolari fil-qasam ċibernetiku ser nikkontribwixxu biex inkomplu nżidu s-solidarjetà u l-assistenza reċiproka. Ser insaħħu l-**kapaċitajiet ta' intelligence ċibernetika** tagħna biex intejbu r-reżiljenza ċibernetika tagħna, filwaqt li nipprovdu wkoll appoġġ effettiv lill-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħna tal-PSDK, kif ukoll lill-forzi armati tagħna. Ser inżidu l-interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz tal-kooperazzjoni bejn l-iskwadri militari ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (mil CERT), kif ukoll fit-twettiq ta' operazzjonijiet ċibernetiċi ta' difiża. Nirrikonoxxu li t-tisħiħ taċ-ċibersigurtà tagħna huwa mod kif inżidu l-effettività u s-sigurtà tal-isforzi tagħna fuq l-art, fl-ajru, fil-baħar u fl-ispazju extratmosferiku.

Il-libertà tal-azzjoni tagħna tiddependi fuq aċċess sikur, sigur u awtonomu għall-**qasam tal-ispazju**. Jeħtieġ li nkunu ppreparati għal ambjent spazjali aktar kompetittiv u kkontestat. Minħabba d-dipendenza dejjem akbar tagħna fuq is-sistemi u s-servizzi spazjali, aħna aktar vulnerabbli għal imġiba irresponsabbli u ta' theddid minn kompetituri strateġiċi. L-għadd dejjem jikber ta' oġġetti spazjali fl-orbita u skart spazjali huma wkoll riskji u tensjonijiet li qed jiżdiedu. Il-Programm Spazjali tal-UE u infrastruttura spazjali oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu għar-reżiljenza tagħna. Joffru servizzi ewlenin li jissostitwixxu jew jikkomplementaw l-infrastrutturi tal-art għall-osservazzjoni tad-dinja, in-navigazzjoni bis-satellita jew it-telekomunikazzjoni. Is-sistemi spazjali tal-UE għandhom joffru konnettività globali lill-atturi tas-sigurtà u tad-difiża. Għal dan il-għan, ser naħdmu fuq il-proposta għal sistema ta' komunikazzjoni sigura globali tal-UE bbażata fl-ispazju, inkluż permezz tal-Programm ta' Konnettività Sigura tal-Unjoni għall-2023-2027.

Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-assi spazjali tal-UE huma taħt kontroll ċivili, u filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-Programm Spazjali tal-UE, hemm hteieġa urġenti li tiġi kkomplementata l-istrateġija spazjali attwali u li jissaħħu d-dimensjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni fl-ispazju. **Strateġija Spazjali ġdida tal-UE għas-sigurtà u d-difiża** ser tgħinna nibnu fehim komuni tar-riskji u t-theddid relatati mal-ispazju, niżviluppaw risponsi u kapaċitajiet xierqa biex nirreaġixxu aħjar u aktar malajr għall-kriżijiet, insaħħu r-reżiljenza tagħna u nagħmlu wkoll użu sħiħ mill-benefiċċji u l-opportunitajiet marbuta mal-qasam tal-ispazju. Strateġija bħal din għandha pereżempju tinkludi dimensiunijiet politiċi, operazzjonali, diplomatiċi u ta' governanza.

Ser inkomplu ninvestu fl-**għarfien tas-sitwazzjoni spazjali** biex nifhmu aħjar u nnaqqsu r-riskji, it-theddid u l-vulnerabbiltajiet ibbażati fl-ispazju. Ser insaħħu l-innovazzjoni b'użu doppju u ninvestu fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet sabiex l-Ewropa tibbenefika minn aċċess awtonomu għall-ispazju. Ser niproteġu l-ktajjen tal-provvista spazjali u ninvestu f'teknoloġiji spazjali kritiċi f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea. Ser insaħħu wkoll ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista Ewropej relatati biex niżguraw l-integrità, is-sigurtà u l-operazzjonijiet tal-infrastruttura spazjali. Ser naħdmu mill-qrib mas-sħab fit-tnaqqis tat-theddid f'konformità mal-isforzi li għaddejnin fin-Nazzjonijiet Uniti dwar l-iżvilupp ta' normi, regoli u prinċipji ta' mgħiba responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku. Ser naħdmu lejn approċċ komuni tal-UE dwar il-ġestjoni tat-traffiku spazjali, li jibni fuq il-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli. Ser inwettqu eżerċizzji biex nittestjaw ir-reżiljenza tal-assi spazjali tagħna, u nidentifikaw il-mezzi meħtieġa biex nindirizzaw il-vulnerabbiltajiet biex nirreaġixxu malajr u b'mod sod għat-theddid relatat mal-ispazju f'każ ta' emerġenza jew kriżi. Wara l-validazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rispons għat-theddid ta' Galileo, ser nestenduh għal komponenti oħra tal-Programm Spazjali tal-UE. Għandna l-għan ukoll li nsaħħu aktar is-solidarjetà, l-assistenza reċiproka u r-rispons għall-kriżijiet f'każ ta' attacchi li joriġinaw mill-ispazju jew theddid għall-assi bbażati fl-ispazju, inkluż permezz ta' eżerċizzji.

Il-qasam tal-ajru huwa kritiku biex jiġu żgurati t-territorji u l-popolazzjonijiet tagħna kif ukoll għall-kummerċ u l-ivvjaġġar internazzjonali. Atturi statali u mhux statali qed jisfidaw is-sigurtà tagħna, kemm fit-territorju tal-UE kif ukoll lil hinn minnu, pereżempju billi jaħtfu ajruplani ċivili kif ukoll l-użu dejjem jiżdied ta' drones u ta' teknoloġiji ġodda. Kapaċitajiet militari avvanzati bħal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, difiżi tal-ajru fuq distanza medja u twila, u inġenji tal-ajru moderni qed jiżdiedu madwar id-dinja u jisfidaw dejjem aktar l-użu sikur u mingħajr restrizzjonijiet tal-ispazju tal-ajru. L-aċċess liberu u sigur għall-ispazju tal-ajru qed jiġi kkontestat ukoll minn strateġiji antiaċċess u ta' tiċħid ta' żona tal-kompetituri tagħna, b'mod partikolari fil-viċinat tagħna. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-avjazzjoni ċivili kif ukoll man-NATO, aħna ser immexxu 'l quddiem riflessjoni strateġika biex nippreservaw l-aċċess mhux ikkontestat tagħna għall-ispazju tal-ajru.

Filwaqt li nibnu fuq aġġornament tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, ser ninvestu aktar fis-**sigurtà marittima** u l-preżenza globali tagħna, u b'hekk niżguraw aċċess bla xkiel għall-ibħra internazzjonali u l-mogħdijiet ta' komunikazzjoni fuq il-baħar, kif ukoll ir-rispett għal-liġi internazzjonali tal-baħar. Atti illegali provokattivi fuq il-baħar, attivitajiet kriminali bħall-piraterija, it-traffikar, tilwim dwar żoni marittimi u pretensjonijiet eċċessivi, iċ-ċaħda tal-aċċess u t-theddid ibridu kollha jdgħajfu s-sigurtà marittima tagħna. Sabiex niproteġu l-interessi marittimi u l-infrastruttura marittima kritika tagħna, inkluż qiegħ l-ibħra tagħna, ser insaħħu l-kapaċità tagħna li niġbru u nipprovdu informazzjoni u intelligence preċiża biex insaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-atturi ċivili u militari. Għal dan il-għan, ser inkomplu niżviluppaw soluzzjonijiet operazzjonali, ta' kapaċità u teknoloġiċi konġunti, inkluż billi nagħmlu l-aħjar użu mill-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti. Ser niżviluppaw aktar il-mekkaniżmu tal-**Preżenzi Marittimi Koordinati**, kif ukoll insaħħu l-interazzjonijiet u l-koordinazzjoni bejn l-operazzjonijiet navali tal-PSDK tagħna u l-atturi rilevanti. Biex inżidu l-istat ta' tħejjija u r-reżiljenza marittima tagħna, ser norganizzaw eżerċizzji navali regolari tal-flotot navali u tal-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri. Ser nagħmlu wkoll użu sħiħ mill-politika ta' sħubija tagħna fil-qasam marittimu, pereżempju permezz ta' waqfiet f'portijiet, taħriġ u eżerċizzji kif ukoll bini ta' kapaċità.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

Ser insaħħu r-rispons tagħna għal **prevenzjoni u ġlieda aħjar kontra t-terroriżmu**. Bl-użu tal-istrumenti tagħna tal-PSDK kif ukoll għodod oħra, ser nappoġġaw lill-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' impenn diplomatiku u djalogu politiku, sforzi ta' stabbilizzazzjoni, programmi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-istat tad-dritt, filwaqt li jiġi promoss ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali. Ser inżidu l-involvement tagħna mas-sħab strateġiċi, inkluż in-NU u f'fora multilaterali oħra, bħall-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu u l-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh. Ser nindirizzaw ukoll żviluppi ġodda, bħall-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-finanzjament tat-terroriżmu u t-tixrid ta' kontenut terroristiku online. Ser inkomplu nsaħħu n-network tagħna ta' esperti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fid-Delegazzjonijiet tal-UE.

Il-promozzjoni tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi

Aħna ser inħarsu, nappoġġaw u navvanzaw aktar il-qafas **tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi**. Ser inkomplu nappoġġaw iċ-ċentralità tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu implimentati l-obbligi kollha mniżżla fih, u l-impenji meħuda matul il-Konferenzi ta' Reviżjoni preċedenti, inkluż il-ħtieġa ta' progress konkret lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu VI, bl-għan aħħari tal-eliminazzjoni totali tal-armi nukleari. Aħna determinati li naħdmu għal dinja aktar sikura u sigura għal kulħadd skont l-għanijiet tat-Trattat b'mod li jippromwovi l-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Jeħtieġ li nżidu l-kapaċitajiet tagħna biex nikkontrollaw it-trasferiment intanġibbli, inkluż l-għarfien xjentifiku fejn meħtieġ. Dan jinvolvi l-protezzjoni u t-tisħiħ tar-reġimi eżistenti ta' kontroll tal-esportazzjoni. Ikkonfrontata bi sfidi ġodda li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda, l-UE tibqa' impenjata li tippreserva l-arkitettura tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi. Approċċ koordinat mas-sħab huwa wkoll essenzjali f'dan ir-rigward.

Rigward il-kontroll tal-armi, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-iskambji u l-isforzi tagħhom dwar soluzzjonijiet possibbli għall-kontroll tal-armi b'kont meħud tal-interessi tas-sigurtà tagħhom u f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab, b'mod partikolari l-Istati Uniti u n-NATO. Ser inkomplu naħdmu fuq din il-kwistjoni. Ser inkomplu nappellaw għat-tnaqqis tal-ħażniet mill-Istati bl-akbar ħażna nukleari permezz ta' ftehimiet għal wara START Ġdid, inkluż armi nukleari strateġiċi u mhux strateġiċi skjerati, u aktar diskussjonijiet dwar miżuri għall-bini tal-fiduċja, il-verifika, it-trasparenza dwar id-duttrini nukleari u miżuri strateġiċi għat-tnaqqis tar-riskju.

Insaħħu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, id-diżastri u l-emerġenzi

It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali mhumiex biss theddid fihom infushom, iżda multiplikaturi tar-riskji. It-tisħin globali jwassal għal **eventi ta' temp estrem u diżastri naturali aktar frekwenti** kif ukoll id-degradazzjoni tal-ekosistemi madwar id-dinja li jżidu l-vulnerabbiltà u l-esponiment. Dan iżid mal-potenzjal għal instabbiltà soċjali, ekonomika u politika u konflitt f'pajjiżi fraġli. It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali għandhom impatt fuq l-infrastruttura ewlenija tal-enerġija, l-attivitàjiet agrikoli u l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, u b'hekk l-inugwaljanzi soċjali eżistenti jsiru aktar profondi u l-komunitajiet vulnerabbli jiġu esposti għal tipi ġodda ta' riskji. Għalhekk għandha implikazzjonijiet diretti wkoll għas-sigurtà u d-difiża tagħna. Tranżizzjoni lejn ekonomiji newtrali għall-klima jista' jkollha impatti soċjali, ekonomiċi u politiċi li jistgħu jimplifikaw sitwazzjonijiet suxxettibbli għal konflitti. Qed nivvalutaw aktar l-effetti differenti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà globali u reġjonali, kif ukoll fuq il-forzi armati tagħna u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK. Ser nadattaw is-settur tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-impenji tagħna tal-PSDK u nżidu l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, inkluż l-impronta ambjentali tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK, f'konformità mal-għan tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, mingħajr ma nnaqqsu l-effettività operazzjonali. Għal dan il-għan, ser insaħħu r-rwol tat-teknoloġija ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni sostenibbli fi ħdan il-forzi armati u s-settur tad-difiża b'mod aktar ġenerali. Ser nintegraw ukoll it-tibdil fil-klima u l-konsiderazzjonijiet ambjentali fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħna tal-PSDK. Barra minn hekk, ser insaħħu l-kapaċitajiet ta' analiżi u s-sistemi ta' twissija bikrija tagħna fir-rigward tal-isfidi speċifiċi tas-sigurtà kkawżati mit-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni globali lejn ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.

Approċċ integrat għar-rispons għal kriżijiet kbar huwa essenzjali. Il-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-kriżi fl-Afganistan, enfasizzaw l-importanza li tiġi żviluppata kapaċità akbar biex **jiġu salvati u evakwati** ċ-ċittadini tagħna meta jkunu friskju lil hinn mill-fruntieri tagħna. Din enfasizzat wkoll ir-rwol importanti li l-forzi armati jista' jkollhom matul **kriżijiet kumplessi**. L-atturi militari fl-Istati Membri jistgħu jimmobilizzaw assi sinifikanti b'appoġġ għal atturi ċivili ta' rispons għad-diżastri foqasma bħall-appoġġ loġistiku, mediku u ta' sigurtà u l-infrastruttura tagħhom. Filwaqt li nibnu fuq l-istrutturi eżistenti tal-Istat Maġġur tal-UE, bħaċ-Ċellola tal-UE ta' Ppjanar tal-Moviment, u l-mekkaniżmi umanitarji u ta' għajjnuna tal-Kummissjoni f'każ ta' diżastru, ser intejbu l-kapaċitajiet ta' assistenza militari kif ukoll il-koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ċivili u militari fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Dan ser jiżgura li, bħala l-aħħar rimedju, l-atturi militari jkunu lesti biex jassistu lill-awtoritajiet ċivili matul emerġenzi u diżastri futuri. L-Istat Maġġur tal-UE jista' jikkontribwixxi wkoll għall-koordinazzjoni tal-appoġġ u l-assistenza loġistiċi lill-Istati Membri u pajjiżi terzi fi kriżi, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' strumenti tal-UE bħall-Faċilità Ewropea għall-Paċi jew, fuq talba tal-Istati Membri, il-klawżola ta' assistenza reċiproka, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet tas-SEAE, l-appoġġ konsulari tagħna u s-sigurtà fuq il-post ser jiġu wkoll rieżaminati u msaħħa biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu assistiti aħjar fl-isforzi tagħhom biex jiproteġu u jsalvaw liċ-ċittadini tagħhom barra minn pajjiżhom, kif ukoll biex nappoġġaw lid-Delegazzjonijiet tagħna tal-UE meta jkollhom bżonn jevakwaw il-persunal. B'ħidma mal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni, ser nappoġġaw l-isforzi ta' għajjnuna ċivili f'każ ta' diżastru u jeħtieġ li niżguraw li aħna kapaċi nevakwaw b'mod sikur liċ-ċittadini tagħna minn postijiet milquta minn diżastri naturali u daww ikkawżati mill-bniedem. Ser inżidu wkoll il-koordinazzjoni man-NU u n-NATO f'dan il-kuntest.

Objettivi

Jeħtieġ li nħejju bl-aħjar mod għall-isfidi li qed ifiġġu malajr. Ser insaħħu r-reżiljenza tagħna b'mod sostanzjali. Ser niġbru flimkien l-għodod tagħna biex niġġieldu aħjar kontra t-theddid ibridu billi niżviluppaw Sett ta' Għodod kontra t-Theddid Ibridu. Dan ifisser ukoll li ser insaħħu ċ-ċiberdifiża u ċ-ċibersigurtà tagħna u nsaħħu l-kapaċità tagħna li niskoraġġixxu u niġġieldu kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin. Barra minn hekk, irridu nkunu kapaċi niproteġu l-aċċess għall-ibħra internazzjonali, fl-ajru u fl-ispazju ekstratmosferiku u l-preżenza tagħna fihom. L-għan tagħna huwa li nkomplu nżidu r-reżiljenza tagħna kontra r-riskji relatati mal-klima u kontra d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem filwaqt li nistinkaw biex ikollna preżenza tal-UE fuq il-post li tkun newtrali għall-klima. Ser insaħħu wkoll il-kapaċità tagħna li nsalvaw u nevakwaw liċ-ċittadini tagħna meta jkunu friskju lil hinn mill-fruntieri tagħna. Dawn l-isforzi kollha jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-solidarjetà u l-assistenza reċiproka tagħna.

Intelligence u komunikazzjoni sigura

- Sa tmiem l-2022, il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence ser tirrieżamina l-**Analiżi ta' Theddid tal-UE** f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi tal-intelligence tal-Istati Membri. Tali rieżamijiet regolari u strutturati ser jitwettqu mill-inqas kull tlett snin jew aktar kmieni jekk il-kuntest strateġiku u ta' sigurtà li qed jinbidel jitlob dan.
- Sal-2025, ser insaħħu l-**Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence** tagħna billi nsaħħu r-riżorsi u l-kapaċitajiet. Sal-2025, ser insaħħu wkoll iċ-**Ċentru Satellitari tal-UE** biex nagħtu spinta lill-kapaċità awtonoma tagħna ta' intelligence ġeospazjali.
- Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni, inkluż informazzjoni klassifikata, nappellaw lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE biex fl-2022 jadottaw **standards u regoli addizzjonali biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni**.

Theddid ibridu, ċiberdiplomazija u manipolazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin

- Fl-2022, ser niżviluppaw is-**Sett ta' Għodod tal-UE kontra t-Theddid Ibridu** tagħna li għandu jipprovdi qafas għal rispons koordinat għal kampanji ibridi li jaffettwaw l-UE u l-Istati Membri tagħha, li jinkludi pereżempju miżuri preventivi, kooperattivi, ta' stabbiltà, restrittivi u ta' rkupru u jappoġġa s-solidarjetà u l-assistenza reċiproka. Huwa ser jiġbor flimkien strumenti eżistenti u possibbli ġodda, inkluż il-ħolqien ta' Timijiet ta' Rispons Rapidu tal-UE kontra Theddid Ibridu biex jappoġġaw lill-Istati Membri, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u tal-pajjiżi sħab fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu. Abbażi tal-linji bażi tar-reżiljenza ibrida settorjali tal-UE u s-sitwazzjoni tas-sigurtà attwali, ser nidentifikaw lakuni, ħtiġijiet u passi biex nindirizzawhom. Ser jiġi rieżaminat ukoll il-Playbook tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu.
- Fl-2022, aħna ser inkomplu nsaħħu s-**Sett ta' Għodod ta' Ċiberdiplomazija**, b'mod partikolari billi nesploraw miżuri addizzjonali ta' rispons.

- FI-2022, ser niżviluppaw **Sett ta' Għodod kontra l-Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u l-Interferenza minn Barranin**. Dan ser isahha il-kapaċità tagħna li nikxfu, nanalizzaw u nirrispondu għat-theddida, inkluż bl-impożizzjoni ta' spejjeż fuq l-awturi. Ser inkomplu nsaħħu l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika u ta' kontra d-diżinformazzjoni tal-UE. Sal-2023, ser noħolqu mekkaniżmu xieraq biex b'mod sistematiku niġbru data dwar l-inċidenti, iffaċilitat minn Spazju tad-Data ddedikat, biex niżviluppaw fehim komuni tal-manipulazzjoni tal-infurmazzjoni u l-interferenza minn barranin. Sal-2024, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK ser ikunu mgħammra bis-sħiħ b'kapaċitajiet u riżorsi biex jiġu applikati l-istrumenti rilevanti ta' dan is-sett ta' għodod.

Oqsma strateġiċi

- FI-2022, ser niżviluppaw aktar il-**Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża** biex niproteġu, nidentifikaw, niddefendu u niskoraġġixxu ċ-ċiberattakki. FI-2022, ser jiġi propost **Att Ewropew dwar ir-Reżiljenza** għid Ċibernetika u ser titkompla l-ħidma fuq iċ-**Ċiberunità Konġunta**.
- Sal-aħħar tal-2023, ser nadottaw **Strateġija Spazjali tal-UE għas-sigurtà u d-difiża**. Ser nibdew bil-validazzjoni tal-mekkaniżmu ta' rispons għat-theddid ta' Galileo sa tmiem l-2022 u nestenduh għal komponenti oħra tal-programm. Sa tmiem l-2022, ser nesploraw l-użu ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà, assistenza reċiproka u rispons għall-kriżijiet f'każ ta' attakki li joriġinaw mill-ispazju jew theddid għall-assi bbażati fl-ispazju. Għal dan il-għan, ser nagħmlu wkoll eżerċizzji fejn ser jiġu ttestjati s-solidarjetà u r-reazzjoni għal avvenimenti u inċidenti fil-qasam tal-ispazju, li ser ikomplu jrawmu l-approċċ strateġiku komuni tagħna għall-ispazju.
- Abbażi ta' Strateġija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, sal-2025 ser inkomplu niżviluppaw u nsaħħu l-mekkaniżmi ta' għarfien dwar is-**sigurtà marittima** tal-UE bħall-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (CISE) u s-Sorveljanza Marittima (MARSUR) biex navvanzaw l-interoperabbiltà, niffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet u nappoġġaw effettività operazzjonali akbar. Ser inkomplu nżidu l-viżibbiltà tal-preżenza navali tagħna fl-UE u lil hinn minnha, inkluż permezz ta' waqfiet f'portijiet, taħriġ u eżerċizzji kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet.
- Sa tmiem l-2022, fil-**qasam tal-ajru**, ser immexxu 'l quddiem riflessjoni strateġika biex niżguraw aċċess Ewropew liberu, sikur u sigur għall-ispazju tal-ajru.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

- Ser inżidu l-involviment tagħna ma' sħab strateġiċi u f'fora multilaterali, u ser insaħħu aktar in-network ta' Esperti Kontra t-Terroriżmu fid-Delegazzjonijiet tal-UE. Sal-bidu tal-2023, ser nirreżaminaw l-għodod u l-programmi tal-UE li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab kontra t-terroriżmu biex inżidu l-effettività tagħhom, inkluż il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

Il-promozzjoni tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi

- Sal-2023, ser insaħħu **l-azzjonijiet konkreti tal-UE b'appoġġ għall-għanijiet tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi**. B'mod partikolari ser inżidu l-appoġġ tagħna għas-sħab u ser ngħinuhom jimplimentaw bis-sħiħ is-sanzjonijiet u l-proċeduri ta' kontroll. Ser inkomplu nappellaw għal ftehimiet għal wara START Ġdid.

Tibdil fil-klima, diżastri u emerġenzi

- Sat-tmiem tal-2023, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan Direzzjonali **dwar it-Tibdil fil-Klima u d-Difiża**, l-Istati Membri ser jiżviluppaw strateġiji nazzjonali biex iħejju l-forzi armati għat-tibdil fil-klima. Sal-2025, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK ser ikollhom konsulent ambjentali u ser jirrappurtaw dwar l-impronta ambjentali tagħhom.
- Ser intejbu l-kapaċità tal-forzi armati tal-Istati Membri **li jappoġġaw lill-awtoritajiet ċivili** f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kemm fil-fażijiet ta' ppjanar kif ukoll ta' twettiq, filwaqt li ser nsaħħu wkoll il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ċivili u militari fil-livelli kollha. Dan ser jinkludi eżerċizzji reali u konġunti li jkopru xenarji li jappartjenu għall-għajnuna f'każ ta' diżastru, kif ukoll għajnuna umanitarja f'konformità mal-prinċipji umanitarji. Sal-2023, aħna ser insaħħu **l-istrutturi tar-Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE**, inkluż iċ-**Ċentru tas-Sitwazzjonijiet**, biex intejbu l-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għal emerġenzi kumplessi, inkluż operazzjonijiet ta' evakwazzjoni u salvataġġ barra mill-pajjiż, f'kooperazzjoni mill-qrib maċ-**Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza**.

4. NINVESTU

F'konformità mal-aġenda ta' Versailles, u fid-dawl tal-isfidi li qed inħabbtu wiċċna magħhom u sabiex inħarsu aħjar liċ-ċittadini tagħna, filwaqt li nagħrfu l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, jeħtieġ li b'determinazzjoni ninvestu aktar u aħjar f'kapaċitajiet ta' difiża u teknoloġiji innovattivi, fil-livelli kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali. Jeħtieġ li nsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tagħna u ngħammru lill-forzi militari tagħna għall-isfidi tad-dinja li qed niffaċċjaw. Irridu nkunu aktar kuraġġużi u aktar rapidi biex nagħlqu **l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet**, filwaqt li negħlbu l-frammentazzjoni, niksbu l-interoperabbiltà sħiħa tal-forzi tagħna u nsaħħu Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea reżiljenti, kompetittiva u innovattiva madwar l-Unjoni, li tiżgura wkoll il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Aħna nirrikonoxxu li aktar investment fl-iżvilupp tal-kapaċità kollaborattiva jiżgura aktar effiċjenza billi jiżdedu l-ekonomiji ta' skala u l-effettività tkun akbar meta tittieħed azzjoni. Dan jappoġġa wkoll l-innovaturi u l-manifatturi Ewropej. Il-kisba tas-sovranià teknoloġika f'xi oqsma teknoloġiċi kritiċi, il-mitigazzjoni tad-**dipendenzi strateġiċi** f'oħrajn, u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-ktajjen tal-valur tagħna huma kritiċi jekk irridu nilqgħu l-isfidi ta' dinja aktar perikoluża u nkunu aktar reżiljenti. Il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja, fuq bażi reċiproka, hija essenzjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-UE, filwaqt li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi u żżid il-benefiċċji reċiproċi.

Orientazzjonijiet strateġiċi

F'konformità mal-impenji li diġà saru permezz tal-PESCO u fid-dawl tal-isfidi strateġiċi li qed niffaċċjaw, qed isir urġenti li **nonfqu aktar u aħjar**. Għalhekk ser inżidu sostanzjalment l-infiq tagħna fid-difiża, b'sehem sinifikanti għall-investment, b'enfasi fuq nuqqasijiet strateġiċi identifikati. Ser niżguraw approċċ Ewropew ikkoordinat u kollaborattiv għal tali nfiq imsaħħaħ fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, biex nimmassimizzaw l-output, inżidu l-interoperabbiltà u nagħmlu użu sħiħ mill-ekonomiji ta' skala. Għal dan il-għan, ser niddefinixxu orjentazzjonijiet strateġiċi dwar ir-riżorsi li huma meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-sigurtà tagħna u l-użu sħiħ tal-għodod tal-UE biex jinċentivaw l-investimenti kollaborattivi fid-difiża.

F'konformità mal-livell ta' ambizzjoni maqbul tagħna, ser naħdmu flimkien biex nadattaw b'mod rapidu l-forzi militari u l-kapaċitajiet ċivili tagħna sabiex ikunu kapaċi jaġixxu malajr, jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-interessi u l-valuri tagħna, isaħħu r-reżiljenza tagħna u jipproteġu l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha. Għal dan il-għan, ser inkomplu niżviluppaw **forzi li jkopru l-ispettru sħiħ** ta' operazzjonijiet li huma **aġli u mobbli, interoperabbli, teknoloġikament avvanzati, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti**. F'konformità mal-prinċipju ta' sett uniku ta' forzi, dawn il-forzi jibqgħu f'idejn l-Istati Membri u jistgħu jiġu skjerati wkoll f'oqfsa oħra.

Ser nadattaw l-**ippjanar u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża** tal-UE, b'mod partikolari billi nirvedu x-**xenarji** tal-ippjanar tal-kapaċitajiet tal-proċess tal-Objettiv Primarju, biex dawn jirriflettu aħjar ir-realtajiet operazzjonali, il-prospettiva strateġika u biex jiġu pprovduti l-kapaċitajiet meħtieġa għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Tali xenarji jinkludu skjerament rapidu militari f'ambjent mhux permissiv, kif ukoll ir-rispons għal theddid ibridu, l-iżgurar ta' aċċess sigur għal oqsma strateġiċi bħall-ibħra internazzjonali, l-ajru, iċ-ċiberspazju u l-ispazju, u l-ġhoti ta' assistenza militari lill-awtoritajiet ċivili. Ser nelaboraw aktar l-elementi tal-ippjanar strateġiku, bħall-ħin tar-rispons, id-durata, l-ambjent, id-distanza u s-simultanjetà tal-operazzjonijiet li huma meħtieġa biex jiġu adattati x-xenarji tal-ippjanar tal-kapaċità. Ir-riżultati tal-proċess tal-Objettiv Primarju ser ikomplu jkunu kontribut essenzjali għall-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet, li jinkludi xejriet futuri tal-kapaċità tad-difiża u perspettivi teknoloġiċi.

Irridu niżguraw li l-inizjattivi kollha tal-UE fil-qasam tad-difiża u l-ġhodod kollha għall-ippjanar u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet jiġu integrati fl-**ippjanar tad-difiża nazzjonali**. Ser inkomplu niżguraw li r-riżultati ta' dawn il-proċessi jibqgħu koerenti ma' dawk tal-proċessi rispettivi tan-NATO. Dan ser isaħħaħ il-prontezza, ir-robustezza u l-interoperabbiltà tas-sett uniku ta' forzi tagħna.

Biex tiżdied l-effettività tal-missjonijiet ċivili tagħna tal-PSDK, ser niżviluppaw kapaċitajiet ċivili u proċess ta' kapaċità biex nistrutturaw aħjar u nindirizzaw kollettivament il-ħtiġijiet għal missjonijiet ċivili tal-PSDK, abbażi ta' xenarji li jirrispondu wkoll għal theddid ġdid. L-introduzzjoni tal-**Maħżen Strateġiku u l-Pjattaforma ta' Appoġġ għall-Missjonijiet** ikkontribwiet għall-kapaċità tagħna li nipprovdut tagħmir u servizzi għal missjonijiet ċivili tal-PSDK. Minbarra li niżguraw li jkollna persunal ta' kwalità għolja u mħarreġ tajjeb, ser niżguraw li t-tagħmir meħtieġ ikun jista' jitwassal lill-missjonijiet ċivili saħansitra aktar malajr, inkluż tagħmir li jippermetti li l-missjonijiet joperaw f'ambjenti inqas permissivi.

Kapaċitajiet koerenti u ambizzjużi

F'qafas bilaterali jew multilaterali, għadd ta' Stati Membri bdew l-iżvilupp ta' **proġetti ewlenin ta' kapaċità strateġika**, bħal sistemi ta' inġenji tal-ajru tal-ġenerazzjoni li jmiss, Eurodrone, klassi ġdida ta' bastimenti navali Ewropej u sistema ewlenija ta' kumbattiment fuq l-art. Dawn ser jagħmlu differenza tanġibbli għas-sigurtà u d-difiża Ewropea fil-futur u, maż-żmien, ser iwasslu għal konverġenza. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maqbula skont ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża ser tkun essenzjali f'dan ir-rigward.

Minbarra li ninvestu f'kapaċitajiet u innovazzjoni futuri, jenħtieġ li nagħmlu użu aħjar mill-iżvilupp tal-kapaċità kollaborattiva u l-isforzi ta' akkomunament, inkluż billi nesploraw l-ispeċjalizzazzjoni tal-kompiti bejn l-Istati Membri. Ser nibnu fuq eżempji ta' suċċess bħall-Flotta Ewropea Multinazzjonali ta' Tankers Multifunzjonali ta' Trasport.

Fil-qafas tal-UE u b'mod partikolari permezz tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti u l-Fond Ewropew għad-Difiża, aħna diġà qed niżviluppaw sistemi ta' kmand u kontroll, vetturi blindati, sistemi ta' missili u artillerija, korvetti tal-għassa, sistemi tal-ajru u marittimi mingħajr ekwipaġġ, kapaċitajiet ta' gwerrija elettronika, sorveljanza tal-ispazju, rispons rapidu ċibernetiku u sistemi ta' taħriġ ta' teknoloġija avvanzata. Aħna ser ninvestu aktar f'**faċilitaturi strateġiċi**, u b'mod aktar ġenerali fil-kapaċitajiet meħtieġa biex titwettag il-firxa sħiħa ta' missjonijiet u operazzjonijiet kif stabbilit fil-livell ta' ambizzjoni maqbul tagħna. Ser insaħħu l-isforzi tagħna biex intaffu n-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċitajiet bħat-trasport bl-ajru strateġiku, l-assi tal-konnettività u l-komunikazzjoni bbażati fl-ispazju, il-kapaċitajiet amfibji, l-assi mediċi, il-kapaċitajiet ta' ċiberdifiża u l-kapaċitajiet ta' Intelligence, Sorveljanza u Rikonjizzjoni u s-Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod.

Jenħtieġ li nnaqqsu l-frammentazzjoni u niżviluppaw il-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss. Għal dan il-għan, aħna nimpenjaw ruħna li mmexxu 'l quddiem ir-rakkomandazzjonijiet tal-ewwel Rapport li qatt sar dwar ir-**Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża** ppubblikat fl-2020, li jinkludi sitt oqsma ta' fokus tal-kapaċità li jkunu jibbenefikaw minn kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri. Dawn huma Karru Armat Ewlieni, Sistemi ta' Suldati, vapur tal-wiċċ Ewropew fil-Klassi tal-Pattulja, kapaċitajiet ta' Antiaċċess/Tiċħid ta' Żona u Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord, Difiża fl-Ispazju u Mobbiltà Militari Msaħħa.

Sabiex naġixxu malajr u niproteġu liċ-ċittadini tagħna, ser naħdmu flimkien biex negħlbu l-lakuni kritiċi. Ser nagħmlu użu sħiħ mill-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti u mill-Fond Ewropew għad-Difiża biex niżviluppaw sistemi interoperabbli ta' livell għoli u teknoloġiji avvanzati. Nieħdu l-impenn li niżviluppaw il-kapaċitajiet strateġiċi li ġejjin permezz ta' proġetti kollaborattivi, b'mod partikolari:

- **Fil-qasam tal-Art**, il-kapaċità tal-Unjoni li ttwettaq operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet u li tiżgura l-vantaġġ teknoloġiku tagħha f'dan il-qasam, inkluż f'ambjent ta' theddid ta' intensità għolja, ser tkun kruċjali. Ser jinbeda raggruppament komprensiv tal-kapaċità tal-art li jwassal għall-aġġornament, il-modernizzazzjoni u s-sostituzzjoni progressiva tal-pjattaformi ewlenin attwali u tas-sistemi loġistiċi relatati. L-oqsma ta' fokus tas-Sistemi ta' Suldati u tal-Karru Armat Ewlieni ser ikunu kontributi importanti għal dawn l-isforzi.
- **Fil-qasam Marittimu**, biex tiġi żgurata preżenza aktar assertiva tal-Unjoni fuq il-baħar kif ukoll il-kapaċità li tiġi pprojetata l-forza, huma meħtieġa pjattaformi navali ta' livell għoli, inkluż pjattaformi mingħajr ekwipaġġ għall-kontroll tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-ilma. Il-qasam ta' fokus tal-Vapur tal-Wiċċ Ewropew fil-Klassi tal-Pattulja ser ikun pass importanti f'din id-direzzjoni.
- **Fil-qasam tal-Ajru**, l-istabbiliment u ż-żamma tal-vantaġġ tagħna jirrikjedu l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss u interoperabbli kompletament, b'mod partikolari sistemi futuri tal-kumbattiment kif ukoll sistemi ta' difiża tal-ajru. Aħna ser nintegraw progressivament b'mod interoperabbli s-sistemi futuri tal-kumbattiment, inkluż Sistemi tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod, fil-flotot eżistenti ta' sistemi tal-ajru tal-kumbattiment. Jenħtieġ ukoll li jsiru sforzi fuq faċilitaturi ewlenin, b'mod partikolari l-kapaċità tat-Trasport bl-Ajru Strateġiku. Il-qasam ta' fokus tal-kapaċitajiet tal-Antiaċċess/Tiċħid ta' Żona u d-Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord jikkontribwixxi għad-dimensjoni tad-difiża tal-ajru ta' dawn l-isforzi.
- **Fil-qasam tal-Ispazju**, ser niżviluppaw sensuri u pjattaformi ġodda b'teknoloġija tal-ogħla livell li jippermettu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jtejbu l-aċċess tagħha għall-ispazju u tiproteġi l-assi tagħha bbażati fl-ispazju. Dan jinvolvi b'mod partikolari l-iżvilupp ta' Osservazzjoni tad-Dinja mill-Ispazju, kif ukoll teknoloġiji għall-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju u servizzi ta' navigazzjoni u ta' komunikazzjoni bbażati fl-ispazju, li huma essenzjali biex jipprovdu teħid ta' deċiżjonijiet indipendenti. Il-qasam ta' fokus tad-Difiża fl-Ispazju jirrappreżenta l-ewwel pass f'din id-direzzjoni.
- **Fil-qasam Ċibernetiku**, jenħtieġ li l-forzi tagħna joperaw b'mod koordinat, infurmat u effiċjenti. Għalhekk ser niżviluppaw u nagħmlu użu intensiv minn teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari l-computing kwantistiku, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Big Data, biex niksbu vantaġġi komparattivi, inkluż f'termini ta' operazzjonijiet reattivi ċibernetiċi u superjorità tal-informazzjoni. Iċ-ċiberdifiża hija ta' importanza kbira biex jiġi żgurat li l-qasam ta' fokus tal-Mobbiltà Militari Msaħħa jiżviluppa l-potenzjal sħiħ tiegħu bħala faċilitatur essenzjali.

Aħna nimpnaw ruħna li nintensifikaw il-kooperazzjoni tagħna dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari permezz tal-**Kooperazzjoni Strutturata Permanenti**. B'mod konkret, dan ifisser li sal-2025 l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti jridu jissodisfaw l-impenji kollha aktar vinkolanti li hađu. Fl-2025, terz tas-60 proġett ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti li għaddejjin bħalissa ser iwasslu għall-kapaċità mistennija u jilhq u l-oġettivi tagħhom. Lil hinn minn dawn ir-riżultati konkreti, l-għan tagħna huwa li nimxu lil hinn billi nimplimentaw il-prijoritajiet ta' kapaċità maqbuli u niżviluppaw proġetti ambizzjużi ġodda. Aħna ser nirvedu mill-qrib it-tweġġ ta' dawn l-impenji sabiex inkunu nistgħu naqblu dwar impenji ġodda fl-2025 biex napprofondixxu aktar il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża.

It-tiħiħ sinifikanti u l-isfruttar tal-potenzjal tiħiħ tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-**Fond Ewropew għad-Difiża**, huma kruċjali biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża tagħna u biex il-forzi tal-Istati Membri jiġu mgħammra wkoll biex jiffaċċjaw il-kampi ta' battalja futuri. Ser inkomplu nagħtu spinta lill-kooperazzjoni u l-kapaċitajiet sabiex il-kooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża fi ħdan l-UE ssir in-norma. Dan ser jimmassimizza l-potenzjal ta' għodod finanzjarji usa' tal-UE biex jappoġġaw il-kooperazzjoni tad-difiża tal-Istati Membri, mit-tfassil sal-akkwist. Dan ifisser ukoll li għandna nkunu lesti li nqabblu ż-żieda fl-ambizzjoni fil-livell tal-Unjoni mal-piż finanzjarju fit-tul adegwat tal-Fond Ewropew għad-Difiża. Ser insaħħu u nimmobilizzaw l-investiment kollaborattiv fid-difiża fil-livell tal-UE, inkluż ir-Riċerka u t-Teknoloġija. Ser nisfruttaw bis-tiħiħ il-potenzjal tas-sinerġiji ma' strumenti finanzjarji oħra tal-UE, bħal Orizzont Ewropa, Programm Ewropa Diġitali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Programm Spazjali tal-UE, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u InvestEU. Biex insaħħu l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-UE, ser naħdmu biex ninċentivaw aktar l-akkwist konġunt tal-kapaċitajiet tad-difiża li huma żviluppatti b'mod kollaborattiv fl-UE. Dan ser ikun jeħtieġ aktar ħidma fuq il-proposti tal-Kummissjoni, fost oħrajn fuq eżenzjoni mill-VAT, soluzzjonijiet ġodda ta' finanzjament u tiħiħ potenzjali tas-sistema tal-bonus tal-Fond Ewropew għad-Difiża.

Ser immexxu 'l quddiem ukoll il-ħidma li għaddejja għas-simplifikazzjoni u l-konverġenza ulterjuri gradwali tal-prattiki tagħna ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi għall-kapaċitajiet ta' difiża żviluppatti b'mod konġunt, b'mod partikolari f'qafas tal-UE, u b'hekk niżguraw li l-prodotti ffinanzjati mill-Fond Ewropew għad-Difiża jibbenefikaw minn aċċess adegwat u kompetittiv għas-swieq internazzjonali, f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-2008 li tiddefinixxi r-regoli komuni għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari, u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet sovrani tal-Istati Membri.

Ser nimmassimizzaw il-**koerenza bejn l-inizjattivi tal-UE relatati mad-difiża** – Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża, il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti u l-Fond Ewropew għad-Difiża. F'dan ir-rigward, ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża ser jippresiedi laqgħat annwali tal-Ministri għad-Difiża dwar l-inizjattivi tad-difiża tal-UE li jindirizzaw l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, billi jagħmel użu tiħiħ mill-formats eżistenti.

Innovazzjoni, teknoloġiji fixkiela u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi

It-teknoloġiji emerġenti u fixkiela, bħall-**Intelliġenza Artifiċjali**, il-computing kwantistiku, il-propulsjoni avanzata, il-bijoteknoloġija u n-nanoteknoloġija u l-materjali u l-kapaċitajiet industrijali ġodda qed isawru mill-ġdid is-swieq tal-affarijiet militari u tad-difiża. Aħna diġà qed ninvestu b'mod kollettiv fl-**innovazzjoni tad-difiża** billi nikkombinaw ir-riċerka ċivili, spazjali u tad-difiża u niżviluppaw standards ġodda. Madankollu, ser inżidu l-isforzi tagħna kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll permezz ta' użu aktar ambizzjuż tal-istrumenti tal-UE biex inkunu ppreparati aħjar għall-kamp ta' battalja tal-futur u t-teknoloġija tal-ġenerazzjoni li jmiss. Ser niżguraw implimentazzjoni ambizzjuża tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju. Ser nistabbilixxu wkoll **Ċentru ta' Innovazzjoni għad-Difiża** fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, waqt li naħdmu fi sħubija mal-Kummissjoni, biex inżidu u nikkoordinaw il-kooperazzjoni dwar l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, ser niżguraw sinerġiji mal-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u tal-Fond Ewropew għad-Difiża fil-qasam tat-teknoloġiji fixkiela. Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, ser tiżviluppa Skema ta' Innovazzjoni tad-Difiża tal-UE biex taċċellera l-innovazzjoni fis-sigurtà u d-difiża għall-UE u l-Istati Membri tagħha.

Bażi industrijali u teknoloġika tad-Difiża Ewropea innovattiva, kompetittiva u reżiljenti li tiggarrantixxi s-sigurtà tal-provvista u teknoloġiji tal-ogħla livell hija aktar importanti minn qatt qabel u hija kruċjali għall-impjiegi, in-negozju, l-investment, is-sigurtà u r-riċerka fl-UE. Is-settur tad-difiża Ewropew jista' jikkontribwixxi wkoll għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku sostenibbli wara l-pandemija. Irridu niżguraw li hija tkun tista' tibbenefika bis-sħiħ u malajr miċ-ċikli tal-innovazzjoni ċivili u tneħħi l-ostakli eżistenti. Ser ninvestu wkoll f'teknoloġiji b'użu doppju. Dan huwa essenzjali, peress li l-kompetituri strateġiċi tagħna qed jinvestu b'mod rapidu f'teknoloġiji kritiċi u qed jisfidaw il-**ktajjen tal-provvista** tagħna u l-aċċess għar-riżorsi. Hekk kif ix-xenarju teknoloġiku jittrasforma ruħu, l-oqfsa kooperattivi ġodda tagħna jagħtuna ċ-ċans li ma nergħux nirrepetu l-frammentazzjoni u l-ineffċjenzi tal-passat u nsegwu approċċ Ewropew mill-bidu nett. Ser nagħtu spinta lir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni u nnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna f'teknoloġiji kritiċi u ktajjen tal-valur. Il-Pjan Direzzjonali dwar teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża tal-Kummissjoni Ewropea jipproponi metodoloġija għall-indirizzar ta' dawn l-isfidi permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Membri. Dan jista' jikkontribwixxi wkoll għat-tiħiħ tar-reżiljenza tal-ekonomija u l-ktajjen tal-provvista Ewropej f'konformità mal-Portal Globali tal-UE.

L-investiment fl-innovazzjoni u l-użu aħjar tat-teknoloġija ċivili fid-difiża huma kruċjali għat-tisħiħ tas-**sovranità teknoloġika** tagħna, billi jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u jippreservaw l-proprjeta intellettwali fl-UE. Permezz tal-Osservatorju dwar it-Teknoloġiji Kritiċi ser inkomplu nimmonitorjaw u nidentifikaw tali dipendenzi strateġiċi fis-settur tas-sigurtà u d-difiża. Il-pjan ta' Azzjoni tal-EDA dwar Teknoloġiji Emerġenti u Fixkiela ser jikkontribwixxi wkoll għal dawn l-isforzi. Ser inrawmu wkoll sinerġiji bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni ċivili, tad-difiża u tal-ispazju u ninvestu f'teknoloġiji kritiċi u emerġenti u l-innovazzjoni għas-sigurtà u d-difiża. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tagħna u l-aċċess tal-industrija għall-finanzjament privat ser ikun meħtieġ għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea tagħna. Il-Bank Ewropew tal-Investment għandu juża wkoll l-għodod kollha tiegħu biex jikkontribwixxi għal dak l-isforz. Huwa daqstant importanti li jiġi żgurat li l-politiki orizzontali tal-UE, bħal inizzjattivi dwar il-finanzi sostenibbli, jibqgħu konsistenti mal-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex jiġi ffaċilitat l-**aċċess suffiċjenti** tal-industrija tad-difiża Ewropea **għall-finanzi u l-investment pubbliċi u privati**. L-użu sħiħ tal-qafas tal-Unjoni u tal-mekkaniżmi nazzjonali għall-**iskrinjar tal-investment dirett barrani** jibqa' kritiku biex jiġu identifikati u mitigati r-riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż dawk relatati mal-investimenti fis-settur tad-difiża. Ser nesploraw proposti addizzjonali biex intaffu r-riskji għall-kumpaniji li jipproduċu teknoloġiji u prodotti kritiċi u jiffaċċjaw akkwisti minn barra l-UE. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi ta' skrinjar nazzjonali jkunu fis-seħħ fl-Istati Membri kollha mill-aktar fis possibbli. Barra minn hekk, għandhom jissaħħu aktar l-għodod biex jiġu miġġielda l-miżuri ekstraterritorjali barranin u t-tentattivi ta' koerċizzjoni ekonomika li jkollhom impatt fuq l-interessi strateġiċi u l-industrija tal-UE. Fil-qasam taċ-ċibersigurtà, aħna ser noperazzjonalizzaw malajr iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà biex niżviluppaw **ekosistema teknoloġika u industrijali ċibernetika** Ewropea b'saħħitha, nappoġġaw kumpaniji li jispeċjalizzaw fiċ-ċibersigurtà u nkomplu nżidu l-ħiliet u r-riżorsi taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberdifiża fil-livell tal-UE.

L-iżvilupp ta' **teknoloġiji emerġenti u fixkiela** huwa essenzjali biex jinżamm vantaġġ militari, inkluż permezz tal-baġit iddedikat taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża. Il-kompetituri tagħna qegħdin dejjem aktar jużaw teknoloġiji u data strateġiċi mingħajr ma jirrispettaw in-**normi u r-regolamentazzjoni internazzjonali** eżistenti. Għalhekk għandna bżonn ta' fehim analitiku aħjar dwar xejriet u dipendenzi emerġenti u fixkiela tat-teknoloġija u kif qed jintużaw dejjem aktar minn kompetituri strateġiċi. Għal dan il-għan, ser nużaw l-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi tal-Kummissjoni biex nikkoordinaw u niksbu fehim sħiħ tad-dipendenzi kritiċi, bħas-semikondutturi, it-teknoloġiji cloud u edge, il-computing kwantistiku u l-intelliġenza artifiċjali. F'dan ir-rigward, ser nibnu wkoll fuq il-ħidma tal-EDA dwar l-Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin. Aħna ser intaffu r-riskji għas-sigurtà tal-provvista u b'mod kollettiv inżidu l-isforzi tagħna billi flimkien ninvestu fit-teknoloġiji li huma kritiċi għas-sigurtà u d-difiża u niproteġuhom. Aħna ser naħdmu mas-sħab kollha biex nippromwovu l-istandards etiċi u legali rilevanti. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni tagħna fil-qafas tan-NU ser tkun essenzjali, speċjalment meta jiġu definiti u applikati n-normi komuni fil-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali.

Fl-aħħar nett, jenħtieġ li nużaw l-innovazzjoni biex intejbu l-**effiċjenza enerġetika** tas-settur tad-difiża, inkluż il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, mingħajr ma nnaqqsu l-effettività operazzjonali. Ser niżviluppaw punti ta' riferiment u standards komuni għall-użu akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u r-reżiljenza ta' infrastruttura kritika relatata mad-difiża. Ser issir enfasi speċjali fuq l-innovazzjoni u l-istandards li jstgħu jgħinu biex titnaqqas l-impronta ambjentali tal-forzi armati u jinħolqu possibbiltajiet għall-użu mill-ġdid ta' komponenti prezzjużi u materjali skarsi.

Objettivi

Ser insaħħu b'mod sostanzjali n-nefqu tagħna fid-difiża biex inlaħħqu mal-ambizzjoni kollettiva tagħna li nnaqqsu l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet militari u ċivili. Ser insaħħu wkoll il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea tagħna madwar l-Unjoni, li tiżgura wkoll il-parteeipazzjoni transfruntiera tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. F'konformità mal-impenji vinkolanti taħt il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, l-infiq għad-difiża ser jiżdied b'mod regolari f'termini reali biex jikkorrispondu għall-ambizzjoni kollettiva tagħna fid-difiża. Għall-futur, ser inkomplu inżidu u nagħtu spinta lill-investment kollaborattiv fil-qasam tad-difiża fil-livell tal-UE, inkluż ir-Riċerka u t-Teknoloġija, permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiza². Ser ninvestu f'teknoloġiji u innovazzjoni kritiċi u emerġenti, innaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna, niżguraw il-ktajjen ta' provvista u nsaħħu l-protezzjoni tal-proprjeta intellettwali tagħna. Ser nikkooperaw ukoll ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja, fuq bażi reċiproka, biex inżidu l-benefiċċji reċiproċi.

Nefqu fuq id-difiża

- Sa nofs l-2022, b'rispett sħiħ tal-prerogattivi nazzjonali u b'mod konsistenti mal-impenji tagħna, inkluż dawk magħmula f'organizzazzjonijiet oħra, ser naqsmu l-**objettivi nazzjonali tagħna dwar infiq akbar u mtejjeb fid-difiża** biex inlaħħqu mal-ħtiġijiet ta' sigurtà tagħna, nimmassimizzaw l-output, inżidu l-interoperabbiltà u nagħmlu użu sħiħ mill-ekonomiji ta' skala, inkluż permezz ta' approċċ Ewropew koordinat u kollaborattiv u l-użu sħiħ tal-għodod tal-UE.
- Nistiednu lill-Kummissjoni biex, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, tippreżenta **analiżi tad-diskrepanzi fl-investment fid-difiża** sa nofs Mejju u tipproponi kwalunkwe inizjattiva oħra meħtieġa biex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea.
- Il-Kummissjoni ser **tiżviluppa inċentivi addizzjonali** biex tistimula l-investimenti kollaborattivi tal-Istati Membri fil-kapaċitajiet strateġiċi ta' difiża, b'mod partikolari dawk li għandhom jiġu żviluppati u/jew akkwistati b'mod konġunt fl-oqfsa kooperattivi tal-Unjoni Ewropea, u ser tirrapporta dwar l-iżviluppi, l-ostakli u l-opportunitajiet relatati mal-proġetti multinazzjonali tal-kapaċità ta' difiża fir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku.

Żvilupp tal-kapaċitajiet

- Sal-2023, ser **nirrevedu l-proċess tal-Objettiv Primarju tagħna** u nqarrbu l-iżvilupp tal-kapaċità militari lejn il-ħtiġijiet operazzjonali, li jipprovdi kontribut essenzjali għall-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet. L-elementi dettaljati tal-ippjanar strateġiku li huma meħtieġa biex jiġu adattati x-xenarji tal-ippjanar tal-kapaċitajiet ser jiġu żviluppati sa nofs l-2022.
- Mill-2022, **il-laqgħat annwali tal-Ministri għad-Difiża dwar l-inizjattivi tal-UE li jindirizzaw l-iżvilupp tal-kapaċitajiet** ser jiġu organizzati u ppreseduti mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, b'użu sħiħ tal-formats eżistenti.

² Dan ser isir mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE li jmiss.

- Sal-2024, ser jiġi stabbilit **proċess ta' żvilupp tal-kapaċitajiet ċivili** biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tal-kapaċità, jiġu żviluppati rekwiżiti, titwettaq analiżi tal-lakuni u jiġi rieżaminat perġodikament il-progress li jkun sar f'konformità mal-Patt il-ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK.

Kapaċitajiet strateġiċi

- Nimpenjaw ruħna li nużaw l-inizjattivi tagħna tad-difiża tal-UE sabiex sal-2025 innaqqsu b'mod sostanzjali l-lakuni kritiċi ta' **faċilitaturi strateġiċi**, b'mod partikolari marbuta mal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE, bħalma huma t-trasport bl-ajru strateġiku, l-assi tal-komunikazzjoni spazjali, il-kapaċitajiet amfibji, l-assi mediċi, il-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża u l-kapaċitajiet ta' Intelligence, Sorveljanza u Rikonjizzjoni.
- F'dan id-deċennju u lil hinn minnu, ser niffukaw l-isforzi tagħna għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet fuq il-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss fl-oqsma kollha, inkluż fil-livell tas-sistema u tas-sottosistema skont l-oqsma ta' prijorità identifikati mill-CARD, b'mod partikolari:
 - **Fil-qasam tal-Art**, ser nimmodernizzaw is-Sistemi ta' Suldati bħala l-qofol tal-protezzjoni tal-forza individwali u l-effettività operazzjonali fit-tipi kollha ta' operazzjonijiet, u ser niżviluppaw sistema ta' Karru Armat Ewlieni bħala kapaċità tal-ġenerazzjoni li jmiss għall-Unjoni f'operazzjonijiet konvenzjonali ta' intensità għolja kif ukoll ta' maniġġar tal-kriżijiet.
 - **Fil-qasam Marittimu**, bil-ħsieb li nsaħħu l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima u l-protezzjoni tal-forza, ser nissostitwixxu l-bastimenti tal-pattulja kostali u lil hinn mill-kosta bl-iżvilupp ta' pjattaformi navali ta' livell għoli b'network diġitali, inkluż pjattaformi navali mingħajr ekwipaġġ.
 - **Fil-qasam tal-Ajru**, ser niżviluppaw sistemi futuri tal-kumbattiment, bħala kapaċità tal-ġenerazzjoni li jmiss u interoperabbli kompletament biex niżguraw vantaġġ fl-ajru. Dan ser jiġi ikkomplementat mid-Difiża kontra Sistema tal-Ajru mingħajr Bdot Abbord u jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standard Ewropew għall-kapaċitajiet ta' Antiaċċess/Tiċħid ta' Żona.
 - **Fil-qasam tal-Ispazju**, ser niżviluppaw sensuri u pjattaformi ġodda għall-Osservazzjoni tad-Dinja mill-Ispazju, kif ukoll teknoloġiji għall-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju u servizzi ta' komunikazzjoni mill-Ispazju.
 - **Fil-qasam Ċibernetiku**, ser nintensifikaw l-isforzi tagħna biex niżviluppaw u nikkollegaw il-kapaċitajiet tagħna biex nipprovdru r-reżiljenza u l-kapaċità meħtieġa biex naġixxu fl-oqsma kollha, b'enfasi partikolari fuq il-Mobbiltà Militari Msaħħa, li hija faċilitatur essenzjali.
- Sal-2023, sabiex tinżamm l-abbiltà li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet fl-Ewropa, ser nieħdu miżuri biex nippromwovu u niffaċilitaw l-**aċċess għall-finanzjament privat** għall-industrija tad-difiża, anke billi nagħmlu l-aħjar użu mill-Bank Ewropew tal-Investment.

- Ser niżviluppaw aktar inċentivi biex nistimulaw l-investimenti kollaborattivi tal-Istati Membri fi **proġetti konġunti** u **l-akkwist konġunt** tal-kapaċitajiet tad-difiża li jiġu żviluppati b'mod kollaborattiv fl-UE. Dan jinkludi, fost oħrajn:
 - Sal-bidu tal-2023, il-ħidma fuq proposta tal-Kummissjoni li tippermetti **eżenzjoni mill-VAT** biex tappoġġa l-akkwist konġunt u s-sjieda tal-kapaċitajiet tad-difiża żviluppati b'mod kollaborattiv fl-UE;
 - Sa nofs l-2023, il-ħidma fuq proposti futuri għal **soluzzjonijiet ta' finanzjament ġodda** biex jiġi ffaċilitat l-akkwist konġunt mill-Istati Membri ta' kapaċitajiet ta' difiża strateġiċi tal-UE;
 - Wara l-evalwazzjoni interim tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-ħidma fuq emenda possibbli għar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża biex tiġi aġġustata u msaħħa **s-sistema tal-bonus tal-Fond Ewropew għad-Difiża** meta l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jakkwistaw u/jew jippossjedu b'mod konġunt il-kapaċitajiet tad-difiża li jkunu qed jiġu żviluppati.

Teknoloġiji strateġiċi u dipendenzi fis-sigurtà u d-difiża

- Sal-2022, ser nistabbilixxu **Ċentru ta' Innovazzjoni għad-Difiża** fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, li jaħdem fi sħubija mal-Kummissjoni biex nisfruttaw is-sinerġiji mal-fergħat ta' ħidma relatati tagħha, inkluż l-Iskema ta' Innovazzjoni tad-Difiża tal-UE. Il-parametri ta' dan iċ-Ċentru ser jiġu definiti fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.
- Mill-2022, ser nidentifikaw ulterjorment dipendenzi strateġiċi fis-settur tad-difiża permezz tal-**Osservatorju tat-teknoloġiji kritiċi** u naġixxu biex innaqqsuhom billi nimmobilizzaw l-istrumenti u l-politiki tal-UE u tal-Istati Membri, u nesploraw kwalunkwe lakuna possibbli f'dawk disponibbli. Ser naħdmu flimkien mal-Kummissjoni u l-EDA fuq l-iżvilupp ta' approċċ koordinat strateġiku għall-UE kollha mill-bidu nett għal teknoloġiji kritiċi rilevanti għas-sigurtà u d-difiża. F'dan ir-rigward, ser nibnu wkoll fuq il-ħidma tal-EDA dwar l-Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin. Aħna ser inkomplu nużaw il-**Qafas tal-UE tal-Iskrinjar tal-Investment Barrani u Dirett** f'każ li investiment fis-settur tad-difiża tal-UE jhedded is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Ser nesploraw proposti addizzjonali biex intaffu dawn ir-riskji għas-settur tad-difiża tal-UE.
- Mill-2022, ser nagħtu spinta ulterjuri lir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni fl-UE kollha kemm hi u nnaqqsu **d-dipendenzi strateġiċi** tagħna f'teknoloġiji u ktajjen tal-valur li huma kritiċi għas-sigurtà u d-difiża, abbażi tal-Aġenda Strateġika Globali tar-Riċerka tal-EDA u tal-Pjan Direzzjonali dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża propost mill-Kummissjoni Ewropea.
- Fl-2023, ser niwvalutaw, flimkien mal-Kummissjoni, ir-riskju għall-**ktajjen tal-provvista tagħna ta' infrastruttura kritika**, b'mod partikolari fil-qasam diġitali, biex niproteġu aħjar l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-UE.

5. NAĦDMU FI SĦUBIJA

Is-sħubijiet huma strument essenzjali biex tiġi appoġġata l-ambizzjoni tal-UE li tkun attur strateġiku globali. Is-sħab ser jibbenefikaw ukoll minn UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fis-sigurtà u d-difiża. Dawn jistgħu jgħinuna **nżommu l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u multilateraliżmu effettiv**, bin-NU fil-qofol tiegħu, nistabbilixxu normi u standards internazzjonali u nikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà madwar id-dinja. Ser insaħħu sħubijiet imfassla apposta fejn huma ta' **benefiċċju reċiproku**, jaqdu l-valuri tal-UE u jappoġġaw il-interessi tagħna, b'mod partikolari meta jkun hemm impenn kondiviż għal approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet, it-tiġid tal-kapaċitajiet u r-reżiljenza. Allinjament mill-qrib dwar kwistjonijiet tal-PESK huwa wkoll kruċjali f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet fejn huma involuti interessi komuni. Għandna rekord twil ta' **ħidma flimkien mas-sħab** u aħna nfittxu b'mod attiv il-parteċipazzjoni tagħhom f'missionijiet u operazzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK.

Huwa ta' importanza kbira li s-sħubijiet strateġiċi tagħna jilhqgħu l-potenzjal tagħhom u li nindirizzaw il-bidliet profondi fis-sigurtà li għaddejjin bħalissa. Aħna ser inkomplu ninvestu fir-**reżiljenza tas-sħab** fl-istati ġirien u lil hinn, b'mod partikolari permezz tal-istrumenti usa' tal-Unjoni għall-paċi, is-sigurtà, il-viceinat, l-iżvilupp u l-kooperazzjoni.

Sħab multilaterali u reġjonali

Is-sħubija strateġika tal-UE man-NATO hija essenzjali għas-sigurtà Ewro-Atlantika tagħna kif muri mill-ġdid fil-kuntest tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022. L-UE tibqa' impenjata bis-siġħ biex tkompli ssaħħaħ din is-sħubija ewlenija anki biex trawwem ir-rabta tranżatlantika. Abbażi tal-progress bla preċedent li sar fit-tiġid tal-kooperazzjoni man-NATO mill-2016, jenħteġ li jittiegħdu passi ambizzjużi u konkreti ulterjuri biex jiġu żviluppati tweġibiet kondiviżi għal theddid eżistenti u ġodda u sfidi komuni. Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti ffirmati fl-2016 u fl-2018 huma l-pilastri ewlenin ta' din il-kooperazzjoni. Fl-ispirtu ta' dawn id-Dikjarazzjonijiet Konġunti u abbażi tal-prinċipji tal-inklużività, ir-reċiproċità, il-ftuħ u t-trasparenza, kif ukoll l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet, ser inkomplu **l-kooperazzjoni mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku** tagħna. Ser inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni li għaddejja dwar id-djalogu politiku, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-operazzjonijiet ta' maniġġar tal-kriżijiet, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari u l-mobbiltà militari. Ser napprofondixxu l-ħidma komuni tagħna dwar it-tiġid tas-sigurtà marittima u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu inkluż il-manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin u l-iżgurar taċ-ċiberspazju kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Barra minn hekk, ser nespandu l-kooperazzjoni tagħna dwar teknoloġiji emerġenti u fixkiela, it-tibdil fil-klima u d-difiża, ir-reżiljenza u l-ispazju ekstrasferiku.

Biex intejbu d-**djalogu politiku**, ser norganizzaw laqgħat ta' livell għoli konġunti aktar frekwenti u inklużivi bejn l-UE u n-NATO li jiffukaw fuq kwistjonijiet strateġikament rilevanti. Ser jissaħħu l-iskambji mmirati permezz ta' laqgħat konġunti regolari tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-UE u tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana. L-interazzjonijiet bejn il-persunal man-NATO huma karatteristika ewlenija tas-sħubija tagħna, iżda dan jista' jissaħħaħ aktar billi jiġu intensifikati l-komunikazzjonijiet strateġiċi, il-koordinazzjoni u/jew l-adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet konġunti u t-tweġiq ta' żjarat konġunti minn rappreżentanti għolja tal-UE u n-NATO. Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jissaħħu permezz ta' aktar skambji man-NATO dwar il-valutazzjoni tal-ambjent ta' sigurtà minn **għarfien komuni tas-sitwazzjoni** għal eżerċizzji ta' prospettiva. F'dak ir-rigward, il-kapaċità tagħna li niskambjaw informazzjoni mhux klassifikata u klassifikata hija ta' importanza kritika.

L-Eżerċizzji Paralleli u Koordinati organizzati mill-UE u n-NATO jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni u jtejbu t-tnejn tagħna biex nindirizzaw it-tfassib reċiproku dwar is-sigurtà, inkluż attakki ibridi kumplessi. Madankollu, l-approċċ tagħna għall-eżerċizzji jenħtieġ li jevolvi biex jindirizza b'mod aktar effettiv ix-xejriet ġeopolitiċi u teknoloġiċi li qed jinbidlu bħalissa. Diskussjonijiet iddedikati bbażati fuq xenarji partikolari u l-inklużjoni ulterjuri tal-**mobilità militari** feżerċizzji futuri ser ikunu tal-akbar importanza. Bidla lejn **eżerċizzji konġunti u inklużivi** tkun realment fattur li jixpruna kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u n-NATO u tkun mod kif tinbena l-fiduċja, tittejjeb l-interoperabilità u tiġi approfondita s-sħubija tagħna. Dan jeħtieġ skambju xieraq ta' informazzjoni.

Sabiex nappoġġaw il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli u l-prinċipji tal-Karta tan-NU, irridu nsaħħu s-sħubija strateġika tagħna man-**Nazzjonijiet Uniti** (NU). Ser niżguraw koerenza mal-azzjonijiet tan-NU fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà u nappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU "L-Aġenda Komuni Tagħna" inkluż l-"Aġenda ġdida għall-paċi". Ser nintensifikaw b'mod sostanzjali d-djalogu politiku tagħna man-NU permezz ta' impenn politiku u dikjarazzjonijiet konġunti ta' livell għoli.

Permezz tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħna, qed naħdmu flimkien man-NU f'bosta oqsma iżda nistgħu nagħmlu aktar biex ngħinu nsaħħu, nersqu viċin, nissostitwixxu jew nikkomplementaw il-kompiti u l-missjonijiet tan-NU. F'dan ir-rigward, ser insaħħu s-sħubija strateġika tagħna man-NU dwar operazzjonijiet ta' paċi u maniġġar ta' kriżijiet, inkluż bl-implimentazzjoni tas-sett konġunt ġdid ta' prijoritajiet dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-immaniġġar ta' kriżijiet għall-2022-2024. Dan jinkludi b'mod partikolari aktar **koordinazzjoni operazzjonali** fuq il-post u kooperazzjoni dwar l-ippjanar ta' kontinġenza u l-appoġġ reċiproku. Għaldaqstant ser nagħmlu użu sħiħ mill-Ftehim Qafas UE-NU dwar l-Appoġġ Reċiproku għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet rispettivi tagħna fuq il-post. Ser inkomplu wkoll nipromwovu l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna fir-rigward tat-Tfal f'Konflitti Armati.

Biex l-UE u n-NU jkunu kapaċi jilqgħu l-isfidi tal-futur, hu meħtieġ approċċ aktar dinamiku għat-**twissija bikrija, il-prevenzjoni ta' konflitti u l-medjazzjoni**. L-iskambju strutturat ta' informazzjoni, l-analiżi konġunta tal-prospettivi, prospettiva strateġika u l-analiżi tal-konflitti li jqisu kwistjonijiet marbuta mal-ġeneru jistgħu jgħinuna nagħmlu l-aħjar użu mill-għarfien u l-ħila esperta tagħna. Dan huwa importanti biex inkunu nistgħu nirreaġixxu għal sfidi ġodda u emerġenti bħat-tibdil fil-klima, il-pandemiji, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela u t-theddid ibridu, inkluż iċ-ċiberattakki u d-diżinformazzjoni.

Ser insaħħu l-kooperazzjoni tagħna mal-**Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa** (OSKE), b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-maniġġar tal-kriżijiet. Filwaqt li niżviluppaw rabtiet operazzjonali aktar mill-qrib mal-OSKE fil-Balkani tal-Punent, il-viċinat tal-Lvant, u l-Asja Ċentrali, ser nesploraw kif l-UE tista' taħdem aktar mill-qrib mal-missjonijiet tal-OSKE fuq il-post u ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha maċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Konflitti tal-OSKE. Ser issir enfasi fuq **miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni** għal twissija bikrija, prevenzjoni ta' konflitti, maniġġar ta' kriżijiet, governanza u riforma tas-sigurtà u l-istabbilizzazzjoni ta' wara l-konflitti. Attivitajiet konġunti bejn l-UE u l-OSKE, bħat-taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki u tat-tagħlimiet meħuda, jistgħu javvanzaw il-kooperazzjoni tagħna.

Aħna ser inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni strateġika tagħna mal-**Unjoni Afrikana** (UA), abbażi ta' djalogu politiku u impenn operazzjonali mis-Somalja għar-reġjun tas-Saħel. Dan jista' jinkiseb permezz ta' żjarat konġunti fuq il-post u koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-livell tal-ippjanar u tat-twertiq. Ser infittxu sħubija ta' sigurtà aktar **robusta u bbilanċjata** mas-sħab Afrikani. Għal dan il-għan, l-UE ser tiżviluppa rabtiet operazzjonali aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet reġjonali u sottoreġjonali bħal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-G5 tas-Saħel, il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD). Bħala fornitur affidabbli tas-sigurtà, l-UE ser issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tappoġġa inizjattivi mmexxija mill-Afrika li jikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan, inkluż Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi mmexxija mill-Afrika. F'dan il-kuntest, ser nipromwovu l-implimentazzjoni tal-qafas ta' konformità tad-drittijiet tal-bniedem tal-UA. Ser niżviluppaw kuntatti bejn il-militar u bejn il-pulizija mal-kontropartijiet Afrikani biex intejbu l-għarfien tagħna tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, ser insaħħu l-kooperazzjoni trilaterali bejn l-UE, in-NU u l-UA, kif ukoll intejbu l-koordinazzjoni bejn it-tliet membri Afrikani (A3) u l-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

Hekk kif ir-reġjun Indo-Paċifiku qed isir reġjun dejjem aktar importanti, aħna ser naħdmu mal-**Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja** (ASEAN) biex intejbu l-għarfien kondiviż u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-estremiżmu vjolenti, it-theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari, iċ-ċibersigurtà, is-sigurtà marittima, il-kriminalità tranżnazzjonali, l-għajnuna umanitarja u f'każ ta' diżastru u l-maniġġar ta' kriżijiet. Bil-ħsieb ta' sħubija sħiħa fil-Laqqgħa tal-Ministri għad-Difiża tal-ASEAN Plus, ser naħtfu kull opportunità biex inkunu involuti f'attivitajiet kondiviżi ta' sensibilizzazzjoni mal-ASEAN u biex nikkontribwixxu għall-isforz tagħha biex tibni arranġamenti ta' sigurtà pan-Asjatiċi. Ser inkomplu naħdmu, b'mod partikolari permezz tal-Forum Reġjonali tal-ASEAN, biex insaħħu aktar il-kontribut ta' sigurtà u l-preżenza tagħna fir-reġjun **Indo-Paċifiku**.

Ser tkompli tiġi żviluppata wkoll kooperazzjoni ulterjuri ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra, inkluż il-Lega tal-Istati Għarab (LAS) u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC).

Sħubijiet bilaterali mfassla apposta

Ser ninvolvu ruħna b'mod aktar koerenti, konsistenti u komprensiv mas-sħab **bilaterali** tagħna madwar id-dinja, inkluż billi nagħmlu użu sħiħ min-network tagħna ta' konsulenti militari u esperti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fid-Delegazzjonijiet tal-UE u nsaħħuh. Ser inkomplu nibnu **sħubijiet imfassla apposta** abbażi ta' valuri u interessi kondiviżi, filwaqt li nqisu l-intensità u l-karatteristiċi speċifiċi tar-relazzjonijiet eżistenti tagħna. Għal dan il-għan, ser ninkludu b'mod aktar sistematiku kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża fid-djalogi politiċi tagħna mas-sħab. Barra minn hekk, kull sentejn ser norganizzaw **Forum ta' Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża tal-UE** biex inlaqqgħu lis-sħab tagħna flimkien. Il-Forum ser jipprovi opportunità biex jiġu diskussi f'livell politiku għoli kwistjonijiet topiċi u tematiċi relatati mas-sigurtà u d-difiża. Dan ser jippermetti lill-Unjoni Ewropea tiġbor lis-sħab flimkien u turi l-appoġġ tagħhom għall-kontribut tal-Unjoni għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u għall-isfidi li qed niffaċċjaw. L-għan huwa li jissaħħu s-sħubijiet billi jinholq sens ta' skop komuni. Dan jikkontribwixxi biex tittejjeb l-effettività ta' sforzi internazzjonali kkoordinati, filwaqt li jissaħħu l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-azzjoni tal-UE.

Is-**sħubija** tagħna mal-**Istati Uniti** hija ta' importanza strateġika u jenħtieġ li napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna fis-sigurtà u d-difiża b'mod li jkun ta' benefiċċju reċiproku. Diġà qed naħdmu mal-Istati Uniti fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika tas-sigurtà u d-difiża u fuq il-post. Iżda jenħtieġ li nibnu fuq il-momentum maħluq mid-Dikjarazzjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' Ġunju 2021. Id-**djalogu strateġiku ddedikat dwar is-sigurtà u d-difiża** bejn l-UE u l-Istati Uniti huwa pass importanti fil-konsolidazzjoni tas-**sħubija** tranżatlantika. Dan id-djalogu għandu jrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku f'oqsma bħal inizzjattivi ta' sigurtà u difiża rispettivi, id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, l-impatt ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela, it-tibdil fil-klima u d-difiża, id-difiża ċibernetika, il-mobbiltà militari, il-ġlieda kontra theddid ibridu inkluż il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, il-maniġġar ta' kriżijiet u r-relazzjoni ma' kompetituri strateġiċi.

Aħna ser napprofondixxu r-relazzjonijiet kostruttivi tagħna man-**Norveġja**, bħala l-aktar sieħeb assoċjat mill-qrib tagħna permezz tal-Ftehim dwar iż-**Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)**, kif ukoll mal-**Kanada**, li l-kooperazzjoni fit-tul tagħna fis-sigurtà u d-difiża magħha turi l-impenn konġunt tagħna għall-paċi u s-sigurtà. Napprezzaw id-djalogi ddedikati dwar is-sigurtà u d-difiża ma' dawn is-**sħab** u ma' **sħab** oħra tal-istess fehma. Nibqgħu miftuħa għal impenn wiesa' u ambizzjuż fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża mar-**Renju Unit**.

Mat-**Turkija**, kontributor għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, ser inkomplunikkoperaw f'oqsma ta' interess komuni. Nibqgħu impenjati li niżviluppaw **sħubija** ta' benefiċċju reċiproku, iżda dan jirrikjedi impenn ugwali min-naħa tat-Turkija biex tavvanza fuq perkors ta' kooperazzjoni, tnaqqis sostnut tat-tensjoni u biex tindirizza t-tħassib tal-UE, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021.

Nibqgħu impenjati li ntejbu r-reżiljenza tas-soċjetajiet u l-proċessi demokratiċi, l-istituzzjonijiet politiċi u l-infrastruttura kritika fil-**Balkani tal-Punent**, kif ukoll li nagħtu spinta liċ-**ċibersigurtà**, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-appoġġ għall-isforzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fir-reġjun. Biex jiġu appoġġati t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili u militari u r-reżiljenza fir-reġjun, il-**ħidma** mill-qrib flimkien man-NU, in-NATO u l-OSKE hija tal-akbar importanza. Nilqgħu l-kontributi regolari li s-**sħab** tagħna fil-Balkani tal-Punent għamlu għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK.

Fid-dawl tat-theddida għas-sovranità, l-istabbiltà, l-integrità territorjali u l-governanza tas-**sħab tagħna tal-Lvant**, ser nagħtu spinta lill-kooperazzjoni tagħna fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża bil-**ħsieb** li tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom. Ser inkomplunappoġġaw lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha flimkien mas-**sħab** internazzjonali tagħna, inkluż permezz ta' appoġġ politiku, finanzjarju, umanitarju u loġistiku addizzjonali. L-isfidi ffaċċjati mill-Georgia u r-Repubblika tal-Moldova, inkluż l-interferenza ostili mir-Russja u l-użu estensiv ta' strumenti militari u tattiki ibridi, jikkompromettu l-istabbiltà tagħhom u l-proċessi demokratiċi tagħhom u għandhom implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà tagħna stess. Għalhekk ser inkomplunikkoperaw mill-qrib ma' dawk il-pajjiżi u ntennu l-appoġġ sod tagħna għas-sovranità u l-integrità territorjali tagħhom u l-impenn tagħna lejhom. Bħala **sħab** mill-qrib tal-UE, ser jissaħħu d-djalogi speċifiċi u l-kooperazzjoni mal-Ukrajna, il-Georgia, u r-Repubblika tal-Moldova, b'mod partikolari f'oqsma bħall-ġlieda kontra theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u ċ-**ċibersigurtà**. Napprezzaw il-kontributi tagħhom għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tagħna. Ser nappoġġaw ukoll lis-**sħab** tagħna tal-Lvant fit-tisħiħ tar-reżiljenza billi nużaw għodod differenti, inkluż permezz ta' miżuri ta' assistenza.

Fil-**viċinat tan-Nofsinhar**, l-isfidi globali u reġjonali żdiedu u enfasizzaw l-interdipendenza reċiproka tagħna u l-ħtieġa li nistabbilixxu sħubijiet aktar mill-qrib dwar is-sigurtà u d-difiża. Nissottolinjaw b'mod partikolari li t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni, it-theddid ċibernetiku u ibridu kif ukoll il-kriminalità organizzata u l-isfidi li qed jiżdiedu rigward il-migrazzjoni irregolari huma theddidiet ewlenin li jaffettwaw iż-żewġt ixtut tal-Mediterran u ta' spiss huma interkonnessi. F'dan il-kuntest, ser noffru pakketti ta' sigurtà aktar komprensivi lis-sħab tal-**viċinat tan-Nofsinhar** li huma lesti japprofondixxu l-kooperazzjoni fuq firxa ta' kwistjonijiet, inkluż il-kooperazzjoni operazzjonali. Nissottolinjaw ukoll il-ħtieġa li jiżdied l-investment tal-UE fil-paċi u l-istabbiltà tal-Lvant Nofsani u l-Golf.

It-tiġid tas-sigurtà tas-**sħab Afrikani** tagħna jibqa' wieħed mill-prijoritajiet ewlenin għalina. Ser nimpennaw ruġna bil-firxa sħiħa ta' għodod ta' sigurtà u difiża tal-UE, b'mod partikolari missjonijiet u operazzjonijiet militari u ċivili, programmi ta' paċi u stabbilizzazzjoni, miżuri ta' assistenza u appoġġ finanzjarju. Dan huwa saħansitra aktar importanti peress li qed naraw preżenza dejjem tikber tal-kompetituri strateġiċi tagħna, mis-Sahel sal-Qarn tal-Afrika. Ser infittxu li nistabbilixxu djalogi u kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża mas-sħab Afrikani dwar dawn il-kwistjonijiet. Ser nikkollegaw aħjar l-assistenza militari mar-riforma strutturali, inkluż il-ġestjoni tar-riżorsi umani, kif ukoll mat-tiġid tal-kapaċitajiet ċivili u r-riforma tas-settur tas-sigurtà. Ser ngħinu lis-sħab tagħna biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom fil-konfront ta' theddid konvenzjonali kif ukoll ibridu, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberattakki, kif ukoll it-tibdil fil-klima. Ser nippruvaw ninvolvu lil sħab kapaċi fl-Afrika fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna tal-PSDK kif ukoll inżidu l-appoġġ tagħna għall-isforzi tagħhom kontra l-instabbiltà u t-terroriżmu.

Permezz tal-Istrateġija Indo-Paċifika tal-UE tagħna, ser infittxu li nippromwovu arkitettura tas-sigurtà reġjonali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, inkluż linji marittimi siguri ta' komunikazzjoni, tiġid tal-kapaċità u preżenza navali msaħħa fl-**Indo-Paċifiku**. Diġà għandna konsultazzjonijiet kostruttivi dwar is-sigurtà u d-difiża u kooperazzjoni fir-rigward tas-sigurtà ma' pajjiżi Indo-Paċifiċi bħall-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Indja, l-Indoneżja, il-Pakistan, u l-Vjetnam. Aħna impenjati li naħdmu ma' sħab tal-istess fehma permezz ta' kooperazzjoni operazzjonali fuq il-post, b'mod partikolari fejn dawn l-isforzi jappoġġaw strutturi u inizjattivi għall-paċi u s-sigurtà reġjonali. L-UE wettqet sensiela ta' **eżerċizzji navali konġunti u waqfiet f'portijiet**, l-aktar reċenti mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Djibouti u l-Indja. Eżerċizzji reali bħal dawn ser isiru prattika standard u jgħinuna nassiguraw Indo-Paċifiku sigur u miftuħ. Ser inkomplu nwettqu djalogu u konsultazzjonijiet maċ-Ċina fejn dan ikun fl-interess tagħna, speċjalment b'rabta ma' kwistjonijiet bħar-rispett għal-liġi internazzjonali tal-baħar, is-soluzzjoni paċifika għat-tilwim u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u d-drittijiet tal-bniedem.

Jenħtieġ li napprofondixxu s-sħubija tagħna mal-**Amerka Latina**, filwaqt li nibnu fuq id-djalogu speċifiku dwar is-sigurtà u d-difiża mal-Kolombja u ċ-Ċili. Filwaqt li nirrikonoxxu li s-sħab fl-Amerka Latina kkontribwew għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kollettivament nistgħu nagħmlu aktar biex ngħinuhom jiġġieldu t-theddid ibridu, iċ-ċiberattakki u l-kriminalità organizzata, kif ukoll jieħdu sehem fi djalogu u jieħdu azzjoni dwar il-klima u s-sigurtà u s-sigurtà marittima. L-objettiv tagħna huwa wkoll li nippromwovu aktar il-parteciġipazzjoni tal-pajjiżi tal-Amerka Latina fl-isforzi tagħna ta' sigurtà u difiża tal-UE.

Ser jiġi segwit **approċċ aktar imfassal u integrat għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet** tas-sħab. Dan jista' jinkludi, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet, taħriġ, konsulenza, mentoraġġ u tagħmir tal-forzi armati u tal-forzi tas-sigurtà tas-sħab. Filwaqt li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali jibqa' l-għodda finanzjarja ewlenija biex jiġu appoġġati s-sigurtà u l-istabbiltà barra mill-pajjiż u jenħtieġ li jintuża kemm jista' jkun, il-**Faċilità Ewropea għall-Paċi** ser issaħħaħ l-isforzi tagħna biex ngħinu fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża, u b'hekk ser tikkomplementa l-isforzi tagħna ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-PSDK. Jenħtieġ ukoll li jkun hemm konnessjoni aħjar bejn l-assistenza militari u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċivili, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-governanza, ir-rispett tal-istat tad-dritt, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, is-sorveljanza demokratika u l-kapaċità ta' rispons għat-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberattakki. Il-koordinazzjoni mal-programmi u l-istrumenti tal-Kummissjoni ser tkun kruċjali għas-suċċess tal-azzjonijiet tagħna.

Nilqgħu l-**kontributi għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tagħna** mis-sħab kollha u nħeġġuhom jiddedikaw aktar persunal u kapaċitajiet għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tagħna bħala parti minn sforz reċiproku għall-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Għal dan il-għan, ser ngħinu lis-sħab tagħna jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Fl-2021, diġà tejjibna l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK billi żgurajna livell ogħla ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni f'kull stadju tal-ippjanar.

Objettivi

L-għan tagħna huwa li nappfondixxu l-kooperazzjoni tagħna mas-sħab u nkomplu nfasslu l-pakketti ta' sħubija tagħna. Ser inżommu u nappfondixxu d-djalogi tagħna dwar is-sigurtà u d-difiża, l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni u t-taħriġ u l-eżerċizzji konġunti. Ser naħdmu mas-sħab biex niġġieldu kontra t-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberattakki. L-approċċ tagħna ser jindirizza wkoll il-ħtieġa tas-sħab għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u għall-appoġġ.

Multilaterali

- Mill-2022, abbażi tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, ser inkomplu nsaħħu, nappfondixxu u nespandu s-sħubija strateġika, id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tagħna man-**NATO** fl-oqsma kollha maqbula ta' interazzjoni, inkluż linji ta' ħidma ewlenin ġodda bħar-reżiljenza, it-teknoloġiji fixkiela emerġenti, il-klima u d-difiża u l-ispazju ekstratmosferiku.
- Mill-2022, ser nimplimentaw is-sett konġunt il-ġdid ta' prijoritajiet għall-**kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU** (2022-2024), u b'mod partikolari ser inwettqu analiżi konġunta tal-prospettivi u prospettiva strateġika, analiżi tal-konflitti li jqisu kwistjonijiet marbuta mal-ġeneru u ser intejbu ulterjorment il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni politika u operazzjonali tagħna, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni tagħna, inkluż permezz tal-forniment ta' immaġni bis-satellita permezz taċ-Ċentru Satellitari tal-UE.
- Fl-2022, ser norganizzaw l-ewwel **Forum biennali ta' Sħubiji għas-Sigurtà u d-Difiża** fi Brussell li jlaqqa' flimkien sħab multilaterali, reġjonali u bilaterali fuq l-istedina tar-Rappreżentant Għoli.

Reġjonali

- Mill-2022, ser nappfondixxu d-djalogu politiku u nsaħħu l-kooperazzjoni mal-**OSKE**, l-**Unjoni Afrikana** u l-**ASEAN** f'oqsma bħall-prevenzjoni ta' konflitti, l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni u r-reżiljenza. Barra minn hekk, ser:

- Infittxu li niżviluppaw pjan direzzjonali konġunt iddedikat mal-**OSKE** dwar il-prevenzjoni ta' konflitti u l-immaniġġar tal-kriżijiet b'azzjonijiet reġjonali u tematiċi konkreti;
- Inġeddu u nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna mal-Unjoni Afrikana, f'konformità mas-Summit UE-UA ta' Frar 2022. B'mod partikolari ser inrawmu l-appoġġ tagħna għal taħriġ, tisħiħ tal-kapaċitajiet u tagħmir adegwati, it-tisħiħ u l-espansjoni ta' operazzjonijiet ta' paċi awtonomi mmexxija mill-Afrika, inkluż permezz ta' missjonijiet u miżuri ta' assistenza tal-UE, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-infurzar tal-liġi. Ser nimmiraw li nwettqu żjarat konġunti fuq il-post mal-**Unjoni Afrikana** u nfittxu koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-livelli tal-ippjanar u t-tmexxija operazzjonali; ser nintensifikaw ukoll il-kooperazzjoni trilaterali UE-UA-NU.

Bilaterali

- Ser insegwu kooperazzjoni aktar mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku mal-**Istati Uniti**. Mill-2022, ser nimxu 'l quddiem bi djalogu ddedikat dwar is-sigurtà u d-difiża abbażi tad-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Ġunju 2021.
- Ser napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna man-**Norveġja u l-Kanada** abbażi tad-djalogi eżistenti. Ser nibqgħu disposti nimpenjaw ruġna mar-**Renju Unit** dwar is-sigurtà u d-difiża.
- Ser insaħħu d-djalogi dwar is-sigurtà u d-difiża mas-**sħab tagħna fil-Balkani tal-Punent, il-viċinati tagħna tal-Lvant u tan-Nofsinhar, l-Indo-Paċifiku u l-Amerka Latina**. Barra minn hekk, b'mod partikolari ser:
 - Insaħħu il-kooperazzjoni ta' sigurtà u ta' difiża mas-**sħab tal-Lvant** bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, inkluż kontra attakki ibridi u theddid għaċ-ċibersigurtà, u nagħtu spinta lill-appoġġ imfassal apposta u t-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;
 - Nappoġġaw l-isforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-**sħab tagħna fil-Balkani tal-Punent**;
 - Noffru pakketti ta' sigurtà aktar komprensivi lis-**sħab fil-viċinat tan-Nofsinhar**;
 - Infittxu li nkomplu nassoċjaw is-**sħab Afrikani** mal-isforzi tagħna ta' sigurtà u difiża fil-kontinent u nappoġġaw inizjattivi mmexxija mill-Afrika li jikkontribwixxu għall-paċi u s-sigurtà, b'mod partikolari operazzjonijiet ta' paċi mmexxija mill-Afrika, f'konformità mas-Summit UE-UA tal-2022;
 - Inwettqu, sal-2023, eżerċizzji marittimi reali ma' **sħab fl-Indo-Paċifiku** flimkien ma' waqfiet f'portijiet tal-UE u pattulji aktar frekwenti.
- Biex nikkomplementaw l-isforzi tagħna għall-maniġġar ta' kriżijiet, ser nagħmlu użu sħiħ mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u minn programmi rilevanti oħra tal-UE, kif ukoll inżidu l-użu tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex nintensifikaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u **nħarrġu u ngħammru** lis-**sħab tagħna fl-Afrika, fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tagħna** kif ukoll fil-Balkani tal-Punent, u biex insaħħu r-reżiljenza tagħhom kontra theddid ibridu.
- Biex nagħtu spinta lill-isforzi diplomatiċi internazzjonali tagħna fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, ser inżidu n-network ta' **konsulenti militari u esperti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu** fid-Delegazzjonijiet tal-UE.

6. KONKLUŻJONI

Id-dinja li qed niffaċċjaw qed tinbidel b'mod rapidu u drastiku. Faqqgħet gwerra kbira fl-Ewropa. Bħala Unjoni Ewropea qed nieħdu azzjonijiet immedjati u bla preċedent. Qed niddefendu l-ordni ta' sigurtà Ewropew u globali flimkien mas-sħab tagħna. U qed insaħħu l-pożizzjoni ġeopolitika tagħna.

Din il-Boxxla Strateġika tispjega fid-dettall kif l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser **isaħħu s-sigurtà u d-difiża tagħna**. Matul id-deċennju li jmiss, ser nagħmlu qabża kbira 'l quddiem biex insiru fornitur tas-sigurtà aktar assertiv u deċiżiv, preparat aħjar biex jindirizza t-theddid u l-isfidi attwali u futuri. Il-kapaċità tagħna li niskjeraw, neżerċitaw u nippjanaw flimkien hija ċentrali għall-ambizzjoni tagħna. Barra minn hekk, jenħtieġ li nkunu aktar reżiljenti kontra t-theddid ibridu, iċ-ċiberattakki u r-riskji relatati mal-klima, id-diżastri naturali u l-pandemiji. Jenħtieġ li niżguraw l-aċċess tagħna għal oqsma strateġiċi. Irridu ninvestu aktar u aħjar. Investimenti aktar immirati u koordinati f'kapaċitajiet u mekkaniżmi ta' difiża innovattivi jżidu l-kapaċità tagħna li naġixxu u jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi mhux mixtieqa. U s-sħubijiet imsaħħa tagħna jtejbju s-sigurtà tagħna. Fit-tweqqiq ta' dan, jenħtieġ li niżguraw sinerġiji mal-ħidma taħt l-Unjoni tas-Sigurtà, kif ukoll ma' politiki u inizjattivi rilevanti oħra tal-Kummissjoni.

L-azzjonijiet spjegati fid-dettall f'din il-Boxxla Strateġika huma ambizzjużi, iżda kapaċi jinkisbu b'impenn politiku sostnut. Din il-Boxxla tipprovdi l-**perspettiva strateġika** u tispjega fid-dettall l-għodod u l-inizjattivi meħtieġa biex tiġi żgurata azzjoni tal-UE aktar rapida, deċiżiva u robusta. Minkejja l-progress importanti li sar f'dawn l-aħħar snin, l-UE b'mod kollettiv mhijiex mgħammra biżżejjed biex tiġġieled il-firxa sħiħa ta' theddid u sfidi li qed tiffaċċa. Fid-dawl tal-isfidi attwali għas-sigurtà, jeħtieġ li dan inbidluh malajr u nnaqqsu d-distakk bejn l-aspirazzjonijiet u l-azzjonijiet tagħna.

Ir-Rappreżentant Għoli, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, ser jipprovdi rapport annwali dwar il-progress li sar bħala bażi biex laqgħa tal-Kunsill Ewropew tipprovdi gwida politika għall-isforzi tagħna. Abbażi tal-analiżi riveduta tat-theddid fl-2025 u abbażi tal-kisba tal-oġġettivi ewlenin previsti, ir-Rappreżentant Għoli ser jippreżenta proposti dwar **reviżjoni possibbli ta' din il-Boxxla Strateġika**. Flimkien ser nimplimentaw l-oġġettivi ta' sigurtà u difiża komuni tagħna biex nibnu Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.